KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 30.11.2006
KUMM(2006) 735 finali

# KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

## L-Approċċ Globali dwar il-Migrazzjoni sena wara: Lejn politika Ewropea komprensiva dwar il-migrazzjoni

**L-Approċċ Globali dwar il-Migrazzjoni sena wara:**
**Lejn politika Ewropea komprensiva dwar il-migrazzjoni**

## 1. REAZZJONI GĦALL-ISFIDI TAL-MIGRAZZJONI

F'Ottubru 2005 il-Kapijiet ta' l-Istat u l-Gvern iddiskutew il-migrazzjoni bħala waħda mill-isfidi prinċipali tal-globalizzazzjoni u qablu fuq il-bżonn urġenti li jkunu intensifikati l-attivitajiet. L-UE kienet kapaċi tirreaġixxi malajr. Fi żmien xahar, il-Kummissjoni pproduċiet pjan għal programm komprensiv ta' azzjoni, *L-Azzjonijiet ta' prijorità għal reazzjoni għall-isfidi tal-migrazzjoni: l-ewwel segwitu ta' Hampton Court*[1]. Din il-komunikazzjoni pproponiet grupp ta' miżuri konkreti li jikkostitwixxu approċċ komprensiv lejn il-migrazzjoni u fformat il-bażi għal aktar diskussjoni mill-Kunsill Ewropew li ffokat fuq l-Afrika u r-reġjun tal-Mediterran.

F'Diċembru 2005, il-Kunsill Ewropew adotta *L-Approċċ Globali dwar il-Migrazzjoni: L-azzjonijiet ta' prijorità b'enfażi fuq l-Afrika u l-Mediterran.* L-Approċċ Globali jifformula politika koerenti u azzjoni dwar il-migrazzjoni, jindirizza firxa vasta ta' kwistjonijiet dwar il-migrazzjoni kif ukoll jgħaqqad flimkien oqsma ta' politika rilevanti li jinkludu relazzjonijiet esterni, l-iżvilupp, l-impjiegi, u l-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà. L-approċċ meħud juri solidarjetà tanġibbli u attiva, flimkien ma' qsim ta' responsabbiltà bejn l-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi.

Il-migrazzjoni hija fenomenu ta' kull perijodu fl-istorja. Fir-rigward tal-popolazzjoni dinjija n-numru ta' migranti madwar id-dinja illum mhux ogħla minn dak ta' perijodi oħra ta' l-istorja. Madankollu, l-migrazzjoni saret aktar importanti għall-Ewropa. Fi ftit għexieren ta' snin l-Ewropa żviluppat minn reġjun ta' migrazzjoni għal destinazzjoni ewlenija ta' l-immigrazzjoni. Fl-2004, skond l-OECD u d-*data* tal-Eurostat, l-okkorrenzi ta' migrazzjoni l-aktar importanti fl-UE ġew mir-Rumanija, il-Polonja, il-Marokk, il-Bulgarija, it-Turkija, l-Ukraina, il-Ġermanja, il-Federazzjoni Russa u r-Renju Unit. Il-fluss sar aktar diversifikat, b'numru ta' immigranti li kull ma jmur qed jiżdied minn oriġini ġodda fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, l-Ażja (speċjalment iċ-Ċina), u l-Amerika Ċentrali u Latina (speċjalment mill-Ekwador). Il-migrazzjoni mill-Afrika żdiedet konsiderevolment fix-xhur reċenti. Hemm ftit probabbiltà li dan l-iżvilupp jieqaf fil-futur qarib kif ukoll il-pressjoni ta' migrazzjoni tista' tikber. Fl-istess żmien, meta wieħed jikkunsidra l-iżvilupp demografiku tagħha, l-UE se jkollha bżonn migranti sabiex tassigura is-sostenibbiltà tas-swieq tax-xogħol tagħha. L-UE għandha bżonn tikkompeti ma' reġjuni oħra tad-dinja u sabiex dan jitwettaq teħtieġ migranti bil-ħiliet xierqa.

Din il-Komunikazzjoni għandha żewġ għanijiet. L-ewwel, tirrispondi għall-istedina tal-Kunsill Ewropew lill-Kummissjoni **biex tirraporta lura l-progress magħmul fl-implimentazzjoni ta' l-ewwel fażi ta' l-Approċċ Globali u l-azzjonijiet ta' prijorità li jiffokaw fuq l-Afrika u l-Mediterran** sa l-aħħar ta' l-2006. It-tieni, tipproponi **modi biex tagħmel l-approċċ ta' l-Unjoni Ewropea verament komprensiv.** Din twieġeb għas-sejħa sabiex jiġu intensifikati l-isforzi magħmula mill-Ministri tal-Ġustizzja u Affarijiet Interni ta' Tampere fil-21 ta' Settembru u l-Kapijiet ta' l-Istat u l-Gvern f'Lahti fl-20 ta' Ottubru. Għaldaqstant tissuġġerixxi li tinkludi oqsma ta' politika oħra li ma kienux parti mill-Approċċ Globali ta' Diċembru 2005, bħal migrazzjoni legali u miżuri ta' integrazzjoni. B'dan il-mod,

[1] Referenza għad dokumenti kollha ikkwotati huma elenkati fl-**Anness A.**

is-sħubija ma' pajjiżi terzi se tindirizza l-firxa sħiħa ta' kwistjonijiet ta' interess u li jkunu jikkonċernaw lil kull min ikun involut.

F'dan il-qafas, minħabba l-bżonn urġenti biex tissaħħaħ il-politika ta' l-UE dwar il-migrazzjoni u oqsma relatati, hija meħtieġa **l-effettività tal-proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet,** inkluż fil-qasam tal-migrazzjoni legali, peress li din tippermetti lill-Unjoni tirrispondi għall-aspettativi taċ-ċittadini f'dan il-qasam. It-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa joffri soluzzjoni adegwata għad-dgħufijiet kurrenti tal-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet, billi jiġu applikati għall-migrazzjoni legali ir-regoli tal-vot ta' maġġoranza kkwalifikata u l-proċedura leġislattiva ordinarja (kodeċiżjoni). Fis-sitwazzjoni preżenti, il-klawżola li tgħaqqad li tinstab fl-Artikolu 67 tat-Trattat KE għandha toffri għodda importanti sabiex jinkiseb dan il-għan, filwaqt li jitfittex arranġament istituzzjonali komplet, fil-qafas mwaqqaf mill-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2006, u jeħtieġ li tiġi applikata.

Fl-isforz sabiex tissaħħaħ aktar il-politika dwar migrazzjoni komprensiva ta' l-UE, il-Kummissjoni waqqfet Grupp ta' Kummissarji dwar il-migrazzjoni. Żvilupp simili sabiex jinġabru flimkien oqsma differenti iżda relatati tal-politika, jistgħu jidhru f'bosta mill-Istati Membri u dan il-mudell għandu jiġi milqugħ u fejn possibli, imħeġġeġ. Filwaqt li din il-Komunikazzjoni tiffoka fuq l-Afrika u r-reġjun tal-Mediterran, hemm **bżonn li l-komprensività fil-futur tiġi tradotta f'termini ġeografiċi.** Għandha tingħata konsiderazzjoni serja fl-applikazzjoni ta' l-approċċ lejn reġjuni oħra, b'mod partikolari dawk li jinsabu fil-fruntieri esterni tal-UE tal-Lvant u tax-Xlokk minħabba l-isfidi li dawn ir-rotot migratorji jġibu magħhom. Barra minn hekk, għalkemm mhux prijorità ta' terminu qasir, l-importanza miżjuda tal-kwistjonijiet relatati mal-migrazzjoni fir-relazzjonijiet tagħna mal-pajjiżi Ażjatiċi u ta' l-Amerika Latina u ż-żieda fl-aspettativi ta' dawn il-pajjiżi għal kooperazzjoni ma' l-UE għandhom jinżammu taħt attenzjoni. Barra dan, is-Samit reċenti Iberoamerikan sejjaħ għal djalogu aktar intensifikat u kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni u sabiex tingħata espressjoni konkreta fuq il-politika nazzjonali, fora sottoreġjonali u ftehimiet internazzjonali, għall-Kompromess ta' Montevideo dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp. Tassew, bosta miżuri u politika deskritti fis-sezzjoni 3 jistgħu jiġu applikati, għal mod simili, fil-kooperazzjoni u d-djalogu tagħna ma' l-Amerika Latina u l-Ażja.

## 2. L-IMPLIMENTAZZJONI TA' L-APPROĊĊ GLOBALI: IL-KISBIET TA' L-EWWEL SENA FL-AFRIKA U R-REĠJUN TAL-MEDITERRAN

L-2006 kienet sena tat-twaqqif ta' l-aġenda ma' l-Afrika. Konferenza ministerjali dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp saret f'Lulju li għadda f'Rabat li ġabret flimkien xi 60 pajjiż li jagħmlu parti mir-rotot migratorji ta' l-Afrika tal-Punent u Ċentrali. L-Istati Afrikani u ta' l-UE ipparteċipaw fid-Djalogu ta' Livell Għoli tan-NU dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp f'Settembru. Saret ukoll Konferenza Ministerjali bejn l-UE u l-Afrika dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp fil-Libja f'Novembru sabiex jiġi fformulat approċċ konġunt dwar il-migrazzjoni bejn l-UE u l-Afrika kollha għall-ewwel darba. 'Il-migrazzjoni' kienet punt rikorrenti fl-aġenda fi programmi ta' djalogu u kooperazzjoni ma' pajjiżi tal-Mediterran, imsejsa fuq ix-xogħol konsiderevoli li diġà sar fil-qafas ta' l-ENP, u l-forum EuroMed ġie wżat sabiex isir aktar tpartit ta' l-aħjar prattika u sabiex issir aktar ħidma lejn programm konġunt ta' attivitajiet. Din kienet ukoll fuq l-aġenda ta' laqgħat ta' livell għoli ma' l-Unjoni Afrikana u l-organizzazzjonijiet reġjonali. Id-djalogu fuq kwistjonijiet dwar il-migrazzjoni fuq il-bażi ta' l-Artikolu 13 tal-Ftehim ta' Cotonou kien miftuħ ma' stati ewlenin ta' l-Afrika ta' taħt is-Saħara. Il-Mekkaniżmu tar-Reazzjoni Rapida ġie użat bħala appoġġ lejn il-Mawritanja u s-Senegal fl-isforzi tagħhom biex ilaħħqu mal-migrazzjoni illegali.

F'inqas minn tnax-il xahar, ix-xogħol tassew inbeda fuq l-azzjonijiet kollha ta' prijorità. Sa tmiem is-sena, FRONTEX se tkun nediet u ikkoordinat għadd ta' operazzjonijiet marittimi konġunti fir-reġjuni ta' l-Atlantiku u l-Mediterran, tkun lestiet l-analiżi ta' riskju fuq l-Afrika u ippreżentat l-istudji ta' fattibilità dwar it-twaqqif ta' Netwerk ta' Għassa Kostali fil-Mediterran u sistema ta' sorveljanza li tkopri l-fruntiera marittima kollha tan-Nofsinhar ta' l-UE u l-baħar Mediterran. Netwerks reġjonali ta' Uffiċjali tal-Kollegamenti ta' l-Immigrazzjoni (ILOs) qed jitwaqqfu matul rotot ta' migrazzjoni ewlenin fl-Afrika. Il-Kummissjoni ħarġet proposta għat-twaqqif ta' Gruppi ta' Intervent Rapidu fil-Fruntieri u għamlet analiżi tal-liġi internazzjonali tal-baħar.

Rapport aktar dettaljat dwar l-implimentazzjoni ta' l-Approċċ Globali hu pprovdut fl-**Aness B.**

## 3. IT-TISĦIĦ TAL-KOERENZA: POLITIKA EWROPEA KOMPRENSIVA DWAR IL-MIGRAZZJONI

L-approċċ komprensiv għandu jkun ibbażat b'mod sod fuq tliet prinċipji: solidarjetà bejn l-Istati Membri, sħubija ma' pajjiżi terzi, u l-protezzjoni tal-migranti, b'mod partikolari l-gruppi vulnerabbli bħall-minorenni mhux akkumpanjati u n-nisa. It-tlett taqsimiet li jmiss jissuġġerixxu modi sabiex dan l-approċċ jiġi żviluppat, kemm ma' l-Afrika u lil hinn.

### 3.1. It-Tisħiħ tad-djalogu u l-kooperazzjoni mal-pajjiżi Afrikani ta' l-oriġini u t-tranżitu

#### *3.1.1. Djalogu ma' pajjiżi Afrikani*

Il-qafas ġenerali għall-kooperazzjoni ta' l-UE ma' l-Afrika huwa definit mill-**Istrateġija ta' l-UE għall-Afrika**, li ġiet addottata mill-Kunsill Ewropew fil-15-16 ta' Diċembru 2005. **L-**għanijiet primarji ta' din l-Istrateġija huma l-kisba ta' l-Għanjiet tal-Millennju għall-Iżvilupp u l-promozzjoni ta' l-iżvilupp sostenibbli, is-sigurtà u t-tmexxija tajba fl-Afrika. Ħidma fil-futur fil-qasam tal-migrazzjoni għandha tkun konsistenti ma' din l-Istrateġija, partikolarment fil-kuntest li jindirizza l-kawża prinċipali tal-migrazzjoni bħall-povertà, il-kunflitt u l-qagħad. Politika oħra ta' l-UE, li tinkludi l-kummerċ, l-agrikoltura u s-sajd, għandhom jservu l-istess għanijiet permezz ta' tisħiħ fil-Koerenza tal-Politika għall-Iżvilupp (PCD).

Il-**Konferenza Ministerjali bejn l-UE u l-Afrika dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp ospitata mill-Libja fit-22-23 ta' Novembru 2006** b'suċċess identifikat prijoritajiet għal kooperazzjoni w adottat dikjarazzjoni ambizzjuża li ħolqot it-triq għal azzjoni konġunta bejn l-Afrika u l-UE fuq livell kontinentali, reġjonali u nazzjonali f'bosta oqsma, li jvarjaw mill-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali għall-iffaċilitar tal-moviment regolari tal-persuni u azzjoni sabiex tindirizza l-kawża prinċipali tal-migrazzjoni. L-Afrika u l-UE għandhom jieħdu bis-serjetà l-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet li jinstabu fid-dikjarazzjoni finali sabiex jinkisbu riżultati konkreti li għandhom jiġu rrappurtati fit-tieni Konferenza Ministerjali li għandha issir fi żmien tliet snin.

Fuq livell reġjonali, il-konferenza ta' Rabat li saret f'Lulju kienet suċċess ukoll u fetħet it-triq għal azzjoni mfassla għal rotot migratorji speċifiċi. L-isforzi issa għandhom ikunu kkonċentrati fuq l-assigurazzjoni ta' segwitu xieraq b'viżjoni għall-evalwazzjoni tal-progress fit-**tieni konferenza ministerjali fi żmien sentejn.** Kuntatti bejn l-UE u l-istati Afrikani tal-Lvant għandhom ukoll jiġu promossi biex jiżviluppaw kooperazzjoni konkreta matul ir-Rotot Migratorji ta' l-Afrika tal-Lvant.

Fuq il-bażi tax-xogħlijiet mwettqa fuq rotot migratorji, l-UE se trawwem aktar kooperazzjoni speċifika ma' reġjuni varji fl-Afrika. L-għan ewlieni ta' **pjattaformi għal kooperazzjoni** se jgħaqqad flimkien il-pajjiżi Afrikani, l-Istati Membri ta' l-UE u organizzazzjonijiet internazzjonali fl-isforz sabiex il-migrazzjoni tkun ikkontrollata b'mod iktar effettiv fl-interess ta' kulħadd. Dan il-qafas komuni jista' jwassal għall-formulazzjoni ta' ftehimiet reġjonali ma' pajjiżi Afrikani interessati.

Id-djalogu u l-kooperazzjoni fuq livell reġjonali u bilaterali ma' pajjiżi ta' l-Afrika ta' Fuq se jkompli jiġi żviluppat fil-qafas tal-**Politika tal-Viċinat Ewropew (ENP).** Kwistjonijiet dwar il-migrazzjoni huma element essenzjali fil-Pjanijiet ta' Azzjoni ta' l-ENP, fid-djalogu politiku tagħna u fl-assistenza finanzjarja sabiex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' dawn il-pajjiżi sabiex imexxu l-migrazzjoni b'mod aktar effettiv. Ix-xogħol għandu wkoll ikompli fil-kuntest tal-**EUROMED.** L-imsieħba qablu li jagħtu segwitu konkret għal kapitolu li għandu x'jaqsam mal-migrazzjoni, l-integrazzjoni soċjali, il-ġustizzja u s-sigurtà tal-programm ta' Ħidma ta' Ħames Snin miftiehem f'Barċellona f'Novembru 2005. Dan għandu jippermetti li fit-tieni nofs ta' l-2007 titlaqqa' **konferenza ministerjali** dwar il-migrazzjoni.

L-UE se tkompli wkoll tintegra l-kwistjonijiet dwar il-migrazzjoni **fid-djalogu politiku regolari mal-pajjiżi kollha ta' l-ACP u l-Komunitajiet Ekonomiċi Reġjonali (RECs) ewlenin.** Dan id-djalogu hu bbażat fuq l-aġenda twila ta' l-Artikolu 13 tal-Ftehim ta' Cotonou, li jkopri firxa wiesgħa ta' suġġetti fil-qasam tal-migrazzjoni u l-iżvilupp. Min-naħa ta' l-UE d-djalogu se jkun immexxi mid-delegazzjonijiet tal-Kummissjoni u l-ambaxxati tal-Presidenza fil-pajjiżi kkonċernati, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Cotonou. Fejn xieraq, id-djalogu jkompli jissaħħaħ permezz ta' missjonijiet speċifiċi tal-Kummissjoni. Fl-2006 seħħew tlieta minn dawn 'il-missjonijiet ta' l-artikolu 13'. **Pajjiżi Afrikani ewlenin oħra** għandhom isegwu fl-2007, inklużi l-Kamerun, l-Etjopja, il-Gana u n-Niġerja. Grupp ta' ħidma konġunt ta' l-UE-ECOWAS (Komunità Ekonomika ta' l-Istati Afrikani tal-Punent) dwar il-migrazzjoni għandu jiltaqa' għall-ewwel darba fl-2007.

l-UE għandha wkoll tieħu rwol attiv **fit-tkomplija tad-Djalogu ta' Livell Għoli dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp tan-NU**, b'mod partikolari meta l-forum globali dwar il-migrazzjoni jkun twaqqaf. Il-Kummissjoni hija lesta u disposta sabiex tikkontribwixxi b'mod attiv lejn **l-ewwel laqgħa ta' dan il-forum** li għandu jsir fil-Belġju fis-sajf ta' l-2007.

*3.1.2. Il-Promozzjoni ta' l-aġenda dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp*

Fil-qasam ta' l-**aġenda dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp**, l-isfida fundamentali hi li jiġu indirizzati l-elementi ewlenin tal-migrazzjoni:il-povertà u n-nuqqas ta' opportunitajiet ta' xogħol. L-UE għandha tagħraf li l-impjiegi fil-pajjiżi jistgħu jnaqqsu konsiderevolment il-pressjoni ta' migrazzjoni mill-Afrika. Il-migranti għandu jkollhom appoġġ fil-kontribuzzjoni tagħhom għall-iżvilupp tal-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom. Barra minn hekk, flus mibgħuta lil migranti se jkomplu jiżdiedu, u l-Kummissjoni qed tesplora mekkaniżmi ta' kooperazzjoni f'dan il-qasam ma' istituzzjonijiet bħal Bank Dinji u l-Bank Ewropew għall-Investiment. L-isforzi se jikkonċentraw fit-titjib tal-ġbir tad-*data*, fit-tnaqqis ta' l-ispejjeż ta' trasferiment, l-iffaċilitar ta' l-użu tas-settur finanzjarju bħala mekkaniżmu ta' trasfermient u jiġu esplorati modi sabiex insaħħu aktar l-impatt ta' trasferimenti fuq il-linji ta' politika dwar l-iżvilupp.

**Il-Programm ta' l-UE dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp fl-Afrika** se jfittex li jipprovdi rispons ta' l-iżvilupp għal perijodu qasir għall-isfida tal-migrazzjoni għall-pajjiżi ta' l-ACP. L-ewwel għan ta' din l-inizjattiva ta' programmar konġunt tkun li tindirizza b'mod serju n-nuqqas ta' impjiegi xierqa fl-Afrika. Il-promozzjoni ta' investiment f'setturi li jħaddmu ħafna

ħaddiema f'reġjuni b'livell għoli ta' emigrazzjoni se tkun prijorità importanti f'kuntest wiesgħa ta' l-iffaċilitar tal- migrazzjoni u l-mobbiltà tal-ħaddiema intra-Afrikani. Oqsma oħra ta' kooperazzjoni se jinkludu l-ħlasijiet, it-telf ta' talent, id-dijaspora, it-tmexxija tajba u l-migrazzjoni illegali u t-traffikar ta' persuni. L-Istati Membri se jkunu mistiedna sabiex jingħaqdu mall-Kummissjoni fl-ipprogrammar ta' dawn l-azzjonijiet. Il-Kummissjoni se tirriżerva ammont ta' 40 miljun EUR għall-ewwel fażi ta' din l-Inizjattiva (ir-riżorsi tad-9 EDF), li għandhom jiġu kkomplementati bil-kontribuzzjonijiet ta' l-Istati Membri. L-iskop ġeografiku ta' l-Inizjattiva se tkun l-Afrika ta' taħt is-Saħara, imma l-azzjonijiet jistgħu jiffukaw fuq pajjiżi jew reġjuni speċifiċi u – fl-ewwel fażi tagħha – b'mod partikolari fuq l-Afrika tal-Punent.

L-UE għandha tkompli tgħin l-istati Afrikani sabiex **jibnu l-kapaċità li jmexxu l-migrazzjoni u l-kenn politiku**, li tinkludi flussi minn Nofsinhar, bla preġudizzju għall-ftehimiet reġjonali eżistenti dwar il-migrazzjoni u l-mobbilità. Qegħdin jittieħdu inizjattivi importanti f'pajjiżi ta' l-ENP dwar il-bini tal-kapaċità, b'mod partikolari fir-rigward tat-tmexxija tal-fruntieri u l-appoġġ istituzzjonali sabiex jitjiebu l-ilqugħ tal-migranti kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet tal-migranti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni pproponiet il-ħolqien tal-**profili migratorji** għal kull pajjiż li qed jiżviluppa interessat[2]. Il-profili migratorji huma għodda tal-politika li jservu għall-ħażna u l-analiżi ta' l-informazzjoni neċessarja rilevanti sabiex jiġu żviluppati miżuri konkreti lejn sitwazzjoni partikolari fil-qasam tal-migrazzjoni u l-iżvilupp. Profili migratorji konċiżi qed jiġu introdotti għall-pajjiżi kollha ta' l-ACP bħala anness għall-ġenerazzjoni l-ġdida tad-Dokumenti Strateġiċi tal-Pajjiż. Profili migratorji għandhom jiġu stabbiliti għall-pajjiżi msieħba kollha rilevanti fit-terminu medju. Din l-informazzjoni tista' imbagħad tiġi użata sabiex tipprovdi għajnuna teknika u finanzjarja lill-pajjiżi Afrikani sabiex jissolvew il-kawżi prinċipali tal-flussi migratorji. Idea waħda tista' tkun sabiex tiġi mwaqqfa **Timijiet ta' Appoġġ dwar il-Migrazzjoni** (MISTs) magħmula minn esperti mill-Istati Membri ta' l-UE li jistgħu jipprovdu l-assistenza neċessarja lill-istati Afrikani. L-Ewropa għandha ssir aktar attiva u minn ta' quddiem meta jidħlu l-kwistjonijiet dwar il-migrazzjoni.

Il-politika dwar il-migrazzjoni għandha bżonn tkun ibbażata fuq evidenza kredibbli u tkun koerenti ma' linji ta' politika oħra. Il-promozzjoni tar-rabtiet bejn il-**politika u r-riċerka** tista' tikkontribwixxi għal għarfien aħjar tar-realtà tal-migrazzjoni u l-politika ta' l-iżvilup. Ispirata min-netwerk akkademiku li jgħaqqad l-istituti ta' riċerka dwar il-migrazzjoni fil-pajjiżi tal-Mediterran (CARIM), il-Kummissjoni se tagħti appoġġ lil inizjattivi li jistimulaw it-twaqqif ta' **netwerk pan-Afrikan dwar l-'osservatorji' tal-migrazzjoni u/jew istituti dwar ir-riċerka tal-migrazzjoni.**

**Miżuri ta' ġemellaġġ** għandhom ikunu implimentati wkoll billi jintużaw il-fondi tal-KE sabiex jiġi assistit l-iżvilupp tal-politika dwar il-migrazzjoni u l-kenn politiku fil-pajjiżi Afrikani. Barra minn hekk, id-Delegazzjonijiet tal-Kummissjoni u l-Missjonijiet ta' l-Istati Membri fil-pajjiżi Afrikani għandhom jiżguraw li jkunu jistgħu jindirizzaw kwistjonijiet relatati mal-migrazzjoni, permezz tal-ħatra ta' persuna waħda ta' kuntatt għall-kwistjonijiet tal-migrazzjoni.

### *3.2.* Migrazzjoni Legali

L-iżvilupp ulterjuri ta' politika Ewropea komuni fuq l-**immigrazzjoni tax-xogħol** huwa komponent importanti ta' l-Approċċ Globali. Għal politika Ewropea verament komprensiva

[2] Ara anness 8 tal-Komunikazzjoni dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp.

dwar il-migrazzjoni, hemm bżonn li l-migrazzjoni legali tiġi integrata kemm fil-politika esterna u interna ta' l-UE. Il-migrazzjoni tista' tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol u l-aspetti ekonomiċi tal-politika tal-migrazzjoni għandhom jiġu kkunsidrati. Il-Kunsill Ecofin iltaqa' fis-27 ta' Novembru 2006 u adotta konklużjonijiet dwar linji ta' politika sabiex jiżdiedu l-benefiċċji ekonomiċi għall-UE mill-migrazzjoni. Kif intqal fil-Pjan ta' Politika dwar il-Migrazzjoni Legali, u skond l-għanijiet ta' l-Istrateġija Ewropea ta' l-Impjieg, l-UE qed tieħu approċċ fuq żewġ binarji għas-snin li ġejjin: l-iffaċilitatar ta' l-ammissjoni ta' ċertu kategoriji ta' immigranti msejsa fuq il-ħtiġijiet (eż. ħaddiema b'sengħa kbira u ħaddiema staġjonali) mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-prinċipju ta' preferenza tal-Komunità u l-provvediment ta' status legali komuni u sikur lill-ħaddiema immigranti legali kollha.

Azzjonijiet oħra għandhom jiffaċilitaw it-tqabbil bejn id-domanda u l-provvista tax-xogħol. Il-Portal futur ta' l-Immigrazzjoni, il-Portal Ewropew tal-Mobilità tax-Xogħol, il-Linji gwida ġodda 2007-2010 għan-netwerk EURES u l-Portal Ewropew għall-Mobilità tar-Riċerkaturi huma kollha għodod fundamentali sabiex jintlaħaq dan il-għan. Pajjiżi terzi se jkunu pprovduti b'informazzjoni dwar il-possibilitajiet legali sabiex wieħed jaħdem fl-Ewropa, ukoll permezz ta' kampanji speċifiċi ta' informazzjoni. Il-migranti potenzjali jistgħu jtejbu l-possibilitajiet tagħhom li jsibu impjieg legali, billi nħeġġu taħriġ professjonali, programmi ta' l-iżvilupp tal-ħiliet u korsijiet tal-lingwa. Għal din ir-raġuni, **ċentri ta' migrazzjoni speċifiċi** jistgħu jiġu mwaqqfa f'pajjiżi msieħba, sostnuti minn fondi tal-KE. Ċentri bħal dawn jista' jkollhom rwol fl-iffaċilitar tat-tmexxija ta' ħaddiema staġjonali, l-iskambji ta' l-istudenti u r-riċerkaturi u forom oħra ta' moviment legali ta' persuni.

Għandu jkompli jiġi esplorat il-potenzjal offrut minn forom ġodda ta' migrazzjoni, b'mod partikolari l-migrazzjoni ċirkolari. Barra minn hekk, se jkun importanti li jiġi appoġġjat l-iżvilupp ta' għodod għal tmexxija aħjar tal-migrazzjoni tal-ħaddiema lejn l-UE f'pajjiżi terzi. Dan se jitlob appoġġ lejn attivitajiet bħat-tisħiħ ta' servizzi amministrattivi ta' pajjiżi terzi reponsabbli għat-tmexxija tal-migrazzjoni tal-ħaddiema; il-kapaċità tal-bini ta' servizzi nazzjonali ta' l-impjieg f'pajjiżi terzi u l-iżvilupp ta' stabbilimenti ta' intermedjazzjoni kif ukoll l-implimentazzjoni ta' pjanijiet għal qabel l-immigrazzjoni f'pajjiżi ta' l-oriġini**.** La darba ċerti kondizzjonijiet ikunu milħuqa, bħal kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni illegali u l-konklużjoni ta' ftehim ta' riammissjoni, l-għan jista' jkun sabiex jiġu stabbiliti **Pakketti ta' Mobilità** b'numru ta' pajjiżi terzi interessati li tkun tippermetti liċ-ċittadini tagħhom jkollhom aċċess aħjar lejn l-UE. Hemm bżonn ċar sabiex issir organizzazzjoni aħjar tal-forom varji ta' moviment legali bejn l-UE u l-pajjiżi terzi. Il-pakketti ta' mobilità jipprovdu l-qafas ġenerali biex jitmexxu movimenti bħal dawn u jiġbru flimkien il-possibilitajiet offruti mill-Istati Membri u l-Komunità Ewropea, filwaqt li jkunu rispettati b'mod sħiħ id-diviżjoni tal-kompetenzi kif stipulat mit-Trattat.

Fil-kuntest ta' pakketti wiesgħa, it-twaqqif tal-ftehim ta' riammissjoni, it-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar l-immigrazzjoni illegali u l-ħidma maqgħuda fuq tmexxija effettiva jistgħu jkunu kollha prerekwiżiti għall-iffaċilitar tal-viża Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-iffaċilitar tal-mobilità hu element importanti fl-approċċ komprensiv għall-migrazzjoni, b'mod partikolari għall-pajjiżi koperti bl-ENP fejn eżaminazzjoni serja ta' kif il-proċeduri tal-viża jistgħu jsiru inqas ta' tfixkil għall-ivjaġġar leġittimu lejn l-UE, u viċeversa, se tkun meħtieġa[3].

[3] Ara il-Komunikazzjoni dwar it-tisħiħ ta' l-ENP COM(2006)726 finali.

Fl-iżvilupp tal-politika li jieħdu kont tal-benefiċċji potenzjali għall-pajjiżi terzi tal-migrazzjoni tal-ħaddiema lejn l-Ewropa, l-UE għandha tkun konxja ħafna tar-riskji ta' **telf ta' talent** u l-konsegwenzi soċjo-ekonomiċi tagħha fuq pajjiżi li qed jiżviluppaw. Per eżempju, ir-rikonoxximent ta' l-effetti negattivi ta' emigrazzjoni eċċessiva ta' ħaddiema tas-sengħa tas-servizzi tas-saħħa ta' numru ta' pajjiżi wassal għall-iżvilupp ta' Strateġija koordinata ta' l-UE, li tinkludi l-iżvilupp ta' ġabra ta' prinċipji li jirregolaw ir-reklutaġġ etiku ta' professjonisti tas-saħħa u l-promozzjoni ta' awtosuffiċjenza akbar fil-produzzjoni tal-ħaddiema fis-settur tas-saħħa fl-Ewropa sabiex fil-futur titnaqqas id-domanda fuq sistemi tas-saħħa fraġli. Inizjattivi simili għandhom jittieħdu sabiex jindirizzaw nuqqas ta' ħiliet (potenzjali) u nuqqas ta' talent f'setturi oħrajn ukoll. Hemm bżonn li l-benefiċċji relatati maċ-ċirkulazzjoni ta' l-imħuħ jingħataw konsiderazzjoni serja f'dan il-kuntest.

## 3.3. L-integrazzjoni u d-djalogu interkulturali

Ir-**rabta bejn il-migrazzjoni u l-integrazzjoni** se tkun suġġett ta' prijorità għall-UE. Il-Kummissjoni se tippromwovi attivament l-implimentazzjoni ta' l-Aġenda Komuni għall-Integrazzjoni, billi tibni fuq il-Prinċipji Komuni Bażiċi dwar l-integrazzjoni, tkopri kull zona ta' importanza li tinkludi aspetti tax-xogħol u soċjo-ekonomiċi, saħħa pubblika, kif ukoll id-dimensjonijiet kulturali u politiċi. Il-Kummissjoni se tiżviluppa strumenti li se jippermettu **parteċipazzjoni aktar wiesgħa mingħand il-partijiet interessati**, li jinkludu l-migranti nfushom, b'hekk jikkontribwixxu għall-promozzjoni ta' strateġija effettiva għall-integrazzjoni. Dawn se jinkludu a) it-twaqqif ta' pjattaforma għall-integrazzjoni fejn l-imsieħba rilevanti jistgħu jaqsmu l-fehmiet fuq bażi regolari; b) il-konsolidazzjoni tar-rwol li għandhom l-awtoritajiet lokali sabiex jibnu fuq il-Konferenza ta' suċċess f'Rotterdam; il-politika Ewropea, il-konferenza dwar il-prattiċi lokali li saret f'Rotterdam fid-9-10 ta' Ottubru; u ċ) il-ħolqien ta' websajt dwar l-Integrazzjoni u edizzjonijiet ġodda tal-Ktejjeb dwar l-Integrazzjoni u r-rapport annwali dwar il-migrazzjoni u l-integrazzjoni.

It-titjib fl-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol hu essenzjali. Il-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Integrazzjoni Soċjali ta' Minoritajiet Etniċi u l-Aċċess Sħiħ tagħhom għas-suq tax- xogħol hu mistenni li jippreżenta rakkomandazzjonijiet prattiċi fl-2007 li jistgħu jsaħħu il-politika eżistenti. L-UE għandha żżomm attenzjoni partikolari fuq l-edukazzjoni tat-tfal minn sfond ta' immigranti u għal din r-raġuni għandha tuża il-qafas tal-proċess ta' l-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2010. Aktar attenzjoni hi mitluba sabiex jiġi żgurat li l-migranti jirċievu **edukazzjoni ċivika** bbażata fuq il-valuri fundamentali Ewropej u jitgħallmu l-lingwa tal-pajjiż ospitanti. Ostakli possibbli għat-**taħriġ fil-lingwa** jridu jitneħħew b'mod urġenti. Fl-istess ħin, huwa ugwalment importanti li tiġi msaħħa l-abbiltà tas-soċjetà ospitanti sabiex taġġusta għad-diversità. Is-Sena Ewropea dwar l-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd 2007 timmira sabiex trawwem kuxjenza dwar din il-kwistjoni.

**Id-djalogu interkulturali** għandu jkun użat bħala għodda għall-integrazzjoni. Is-'Sena Ewropea tad-Djalogu Interkulturali 2008' se tagħti prijorità għad-djalogu fil-ħajja ta' kuljum, per eżempju fl-iskejjel, attivitajiet sportivi u kulturali, u fuq ix-xogħol. Barra minn hekk, l-UE għandha tibqa' tappoġġja proġetti fil-qasam ta' l-edukazzjoni interkulturali, l-edukazzjoni ta' l-immigranti u l-inklużjoni ta' żgħażagħ żvantaġġati permezz ta' programmi rilevanti.

## 3.4. Il-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali u t-traffikar ta' persuni

Fuq livell ta' l-UE, il-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali għandha tkun infurzata fiz-zoni ta' prijorità identifikati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Lulju 2006. Il-prijoritajiet jinkludu l-bżonn li tiżdied il-fiduċja reċiproka u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati

Membri, li jinkludi r-regolarizzazzjoni ta' l-immigranti illegali, it-tijib fil-kontroll ta' l-aċċess lejn territorju ta' l-UE u l-promulgazzjoni ta' penali għal min joffri impjieg liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jieħdu residenza illegalment. Għalkemm il-fenomenu ta' xogħol mhux dikjarat mhuwiex limitat għal-migranti, **leġislazzjoni ġdida fuq penali kontra min iħaddem** persuni simili se jkunu proposti fir-Rebbiegħa ta' l-2007 billi li ċ-ċans li jinkiseb xogħol fl-UE mingħajr l-istatus legali meħtieġ huwa fattur ewlieni li jattira l-immigrazzjoni illegali. B'mod parallel, se ssir aktar enfasi fuq l-infurzar tal-leġislazzjoni eżistenti li tkun tista' wkoll tipproteġi l-migranti, b'mod partikolari d-direttivi fuq is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Barra minn hekk, l-istati għandhom jiġu appoġġjati biex isiru Partijiet għall-**Protokoll tan-NU dwar it-Traffikar u t-Trasport Illegali.**

Fl-2007, il-EUROPOL se tagħti attenzjoni lejn il-ġlieda kontra l-immigrazzjoni u t-traffikar ta' persuni illegali faċilitati u se tkompli tipprovdi intelliġenza operattiva w appoġġ u sezzjonijiet ta' taħriġ, li huma miftuħa għall-uffiċjali għolja ta' l-infurzar tal-liġi ta' pajjiżi terzi. Min-naħa tagħha FRONTEX għandha, fil-qafas tal-politika tar-relazzjonijiet esterni Ewropej, tistabbilixxi arranġamenti ta' ħidma teknika għal operazzjonijiet konġunti ma' pajjiżi terzi rilevanti, u tistedinhom sabiex jipparteċipaw f'attivitajiet operattivi fejn meħtieġ. Pjanijiet ta' azzjoni dwar ir-rotot migratorji differenti qed ikunu ppreparati, billi jintużaw ir-rakkomandazzjonijiet ta' l-ILOs matul ir-rotot. **Netwerks ta' l-ILO** għandhom jiġu infurzati, bl-għan li jkollhom mill-inqas Uffiċjal għall-Kollaborazzjoni f'kull pajjiż Afrikan ta' oriġini u tranżitu ewlieni. Barra minn hekk, Termini ta' Referenza għandhom jiġu żviluppati għal 'ILO ta' l-UE', li jkunu kapaċi joperaw f'isem bosta mill-Istati Membri.

**Ir-Ritorn u riammissjoni** se jibqgħu parti fundamentali tat-tmexxija tal-migrazzjoni. L-Istati Membri għandhom ikunu appoġġjati fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' **programmi volontarji tar-ritorn** u **pjanijiet lejn ritorn infurzat**, li jinkludi titjiriet konġunti għat-tneħħija. L-appoġġ lejn l-Istati Membri sabiex jakkwistaw id-dokumentazzjoni neċessarja għal ritorn immedjat u r-riammissjoni tal-migranti illegali tibqa' prijorità.

L-Istati Membri kienu appoġġjati finanzjarjament fl-isforzi tagħhom li jtejbu t-tmexxija tar-ritorn fid-dimensjonijiet kollha tiegħu taħt l-Azzjonijiet Preparatorji tar-RITORN, ir-riżultati ta' liema se jservu sabiex jiffukaw il-programmazzjoni multi-annwali tal-Fond Ewropew tar-Ritorn futur. F'dan il-kuntest, hu ta' l-istess importanza li tiġi adottata malajr kemm jista' jkun id-Direttiva proposta li tistabilixxi standards komuni tal-proċeduri tar-ritorn ta' l-Istati Membri.

In-negozjati dwar ftehim ta' **riammissjoni** KE-Ukraina ġie ffinalizzat filwaqt li n-negozjati mal-Marokk huma avvanzati sew. Negozjati simili mal-Moldova u l-Alġerija huma mistennija li jiġu mnieda formalment dalwaqt. Bħala parti minn approċċ bilanċjat u bbażat fuq djalogu dwar il-migrazzjoni u l-ħruġ tal-viża previsti fil-Pjanijiet ta' Azzjoni ta' l-ENP, għandhom ikunu previsti negozjati dwar ir-riammissjoni u l-iffaċilitar tal-viża b'kull pajjiż ġar, kif il-prekondizzjonijiet proprji jiġu milħuqa. Fit-termini ta' kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' l-ACP, l-obligazzjoni ta' riammissjoni fl-Artikolu 13 ta' Cotonou hi kruċjali, u hi bażi xierqa għal ftehimiet bilaterali supplementari dwar ir-riammissjoni bejn l-Istati Membri ta' l-UE u pajjiżi magħżula ta' l-ACP. Iżda madankollu, l-applikazzjoni tagħha għandha tiġi kkunsidrata fil-kuntest aktar wiesgħa ta' l-Artikolu 13.

Esperjenzi wrew li sabiex tinnegozja ftehim l-UE għandha bżonn toffri xi ħaġa minflok. Fin-negozjati bilateri tagħhom għal riammissjoni l-Istati Membri qegħdin dejjem aktar joffru wkoll forom oħra ta' appoġġ u assistenza lejn pajjiżi terzi sabiex jaffaċilitaw il-konklużjoni ta'

ftehimiet bħal dawn, u għandhom jiġu esplorati l-possibilitajiet sabiex jiġi applikat dan l-approċċ fuq livell ta' l-UE.

Tmexxija integrata tal-fruntieri marittimi tagħmel parti importanti mill-Approċċ Globali u hu s-suġġett ta' Komunikazzjoni separata, *It-tisħiħ tat-Tmexxija tal-Fruntieri Marittimi tan-Nofsinhar ta' l-Unjoni Ewropea.*

### 3.5. Kenn Politiku u protezzjoni tar-refuġjati

Filwaqt li huwa importanti li jiżdiedu l-isforzi sabiex ikunu indirizzati l-kwistjonijiet dwar il-migrazzjoni illegali, hemm ukoll il-ħtieġa li jiġi żgurat l-aċċess lejn il-proċessi ta' kenn politiku għal dawk fi **flussi migratorji mħallta** li forsi jeħtieġu protezzjoni internazzjonali. Il-proposti li jinsabu fl-'10 punti ta' pjan ta' azzjoni' tal-UNHCR ippreżentati fil-konferenza f'Rabat għandhom jiġu wżati sabiex titrawwem kooperazzjoni operazzjonali. Huwa importanti li nżommu il-kwistjonijiet ta' kenn politiku u protezzjoni bħala wieħed mill-elementi ewlenin tal-kooperazzjoni wiesgħa u djalogu tagħna ma' pajjiżi terzi. Għandhom jitkomplew l-implimentazzjonijiet tal-Programmi ta' Protezzjoni Reġjonali, kif ukoll attivitajiet f'żoni oħra li jagħtu appoġġ lil min qed ifittex kenn u persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali, bħal Mawritanja u l-Afrika t'Isfel. Fondi se jkunu ukoll disponibbli biex jiffinanzjaw proġett organizzat mill-UNHCR għall-attivitajiet lejn il-protezzjoni fil-pajjiżi kollha tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Mediterran – il-Marokk, l-Alġerija, it-Tuneżija, il-Libja, il-Ġordan, is-Sirja u l-Libanu.

## 4. APPOĠĠ FINANZJARJU GĦALL-POLITIKA EWROPEA KOMPRENSIVA DWAR IL-MIGRAZZJONI

### 4.1. Appoġġ lejn id-dimensjoni esterna

Bħal ma kien diġà mħabbar fil-kuntest tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2005, il-Kummissjoni tikkonferma l-intenzjoni tagħha li tintensifika l-assistenza finanzjarja tagħha f'żoni li jikkonċernaw jew li huma relatati mal-migrazzjoni fir-rigward tar-relazzjonijiet tagħha ma' pajjiżi terzi, li tinkludi allokazzjoni li tasal sa 3% ta' l-Istrument tal-Politika tal-Viċinat Ewropew (ENPI) u sforzi komparabbli fir-rigward ta' strumenti finanzjarji rilevanti oħra. Se jsiru ukoll sforzi ekwivalenti b'mod partikolari fl-Afrika ta' taħt is-Saħara, b'viżjoni sabiex jiġu indirizzati l-kawżi prinċipali tal-migrazzjoni. Il-fondi se jitwasslu permezz ta' **programmi ġeografiċi mwaqqfa taħt l-istrumenti rilevanti għall-għajnuna esterna u l-programmi tematiċi dwar il-migrazzjoni u l-kenn politiku.**

Fir-rigward ta' l-EDF, l-Inizjattiva ta' Governanza ta' l-UE għall-pajjiżi ta' l-ACP hi sistema rilevanti li tippermetti lil dawn il-pajjiżi li jiksbu appoġġ finanzjarju addizzjonali sostanzjali sabiex jiġu żviluppati u implimentati riformi fit-tmexxija. L-aċċess għal dawn l-għaxar riżorsi ta' inċentiv ta' l-EDF se jiddependi mir-riżultat ta' djalogu bejn il-Kummissjoni u l-pajjiż msieħeb fuq it-twettiq fil-passat u l-impenji futuri fil-qasam ta' l-amministrazzjoni, li jinkludu l-migrazzjoni. Aktar riżorsi se jkunu disponibbli permezz tal-Programm ta' l-UE dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp fl-Afrika.

Barra minn hekk, wara l-Konferenza ta' Tripoli bejn l-UE u l-Afrika dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp, għandhom jiġu esplorati modi sabiex jiġu megħjuna dawk il-pajjiżi Afrikani li jixtiequ jgħinu sabiex ittaffu l-pressjonijiet migratorji fil-pajjiżi ta' taħt is-Saħara permezz ta'

appoġġ finanzjarju sabiex jikkoordinaw l-isforzi tagħhom ma' dawk ta' l-UE. Il-**programm tematiku l-ġdid** dwar il-migrazzjoni u l-kenn politiku ġie elaborat fuq il-bażi ta' l-esperjenza miġbura bil-programm Aeneas u jibni fuq il-lezzjonijiet meħuda. Innovazzjoni prinċipali hi dik li r-riżorsi finanzjarji issa se jiġu allokati jew ġeografikament, billi jittieħed kont tal-kunċett tar-'rotta migratorja', jew b'mod trasversali, permezz ta' inizjattivi globali u multireġjonali li mhux esklussivament għandhom x'jaqsmu ma' rotta migratorja waħda.

Fl-aħħarnett, l-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea tal-Politika Reġjonali tista' wkoll toffri miżuri li jistgħu jgħinu t-tmexxija tal-migrazzjoni flimkien mal-pajjiżi ġirien, per eżempju permezz ta' miżuri komuni għat-taħriġ għall-għassa tal-fruntieri, awtoritajiet doganali u forzi tal-pulizija, kontrolli msaħħa fil-portijiet u l-ajruporti, netwerks ta' l-iskambji ta' informazzjoni dwar il-migrazzjoni, bini tal-kapaċità u leġiżlazzjoni adegwata dwar il-migrazzjoni fil-pajjiżi ta' l-oriġini.

Aktar informazzjoni speċifika fir-rigward ta' l-ammonti disponibbli fl-istrumenti differenti ta' fondi jistgħu jinsabu fl-**Anness C**.

### 4.2. Il-promozzjoni ta' solidarjetà fost l-Istati Membri

Il-pakkett ta' 4,020 miljun EUR allokat mill-awtorità baġitarja għall-perijodu 2007-2013 għal programm ta' qafas imsemmi **'Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi tal-Migrazzjoni'** hu maqsum f'erba' strumenti finanzjarji separati, kull wieħed jappoġġja għanijiet differenti dwar il-ġestjoni tal-flussi migratorji lejn l-UE: Il-Fond għall-Fruntieri Esterni (1,820 miljun EUR), il-Fond tar-Ritorn (676 miljun EUR), il-Fond Ewropew għar-Refuġjati (699 miljun EUR) il-Fond ta' Integrazzjoni (825 miljun EUR). Għal kull Fond, il-parti kbira tar-riżorsi tmur direttament lill-Istati Membri taħt arranġamenti ta' ġestjoni maqsuma. Dawn l-istrumenti ġodda huma speċifiċi u komplementari għall-Fondi oħra tal-Komunità li jappoġġjaw kwistjonijiet dwar il-migrazzjoni, inklużi strumenti tal-Politika Reġjonali.

L-Istati Membri għandhom jieħdu approċċ strateġiku u fit-tul b'mod attiv għall-użu ta' dawn ir-riżorsi u jappoġġjaw miżuri nazzjonali li **jippromwovu solidarjetà bejn l-Istati Membri.** Filwaqt li l-għan ewlieni tal-programm ta' qafas hu li **tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-politika tal-Komunità dwar id-dimensjoni interna** fuq il-kenn politiku, l-immigrazzjoni u l-kontrolli tal-fruntieri, ħafna mill-azzjonijiet huma probabbli li jiffavorixxu l-ksib ta' l-għanijiet stipulati f'din l-Komunikazzjoni. Sabiex tiġi enfasizzata r-relazzjoni, il-Kummisjoni se tipproponi linji gwida strateġiċi li se jimmiraw sabiex jinkorporaw l-aġenda tal-politika dwar il-migrazzjoni fil-qafas operazzjonali ta' kull Fond. In-natura komprensiva u bi skop multiplu ta' azzjonijiet simili se jkunu rikonoxxuti u l-għan tal-programm ta' qafas se jiġi infurzat sabiex jappoġġa azzjonijiet kontinwi relatati mal-ġestjoni tal-migrazzjoni fl-Istati Membri.

Il-Kummissjoni se tassigura wkoll li l-**azzjonijiet tal-Komunità** taħt dawn l-erba' Fondi li huma mmexxija direttament mill-Kummissjoni jipprovdu opportunitajiet ta' appoġġ lejn l-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' politika komprensiva dwar l-immigrazzjoni permezz ta' finanzjament ta' kooperazzjoni prattika, l-iżvilupp ta' għodod komuni u dokumenti ta' referenza, proġetti pilota innovattivi u billi jiġu offruti opportunitajiet lil partijiet interessati sabiex jikkontribwixxu l-għarfien speċifiku tagħhom lejn l-iżvilupp tal-politika tal-KE permezz ta' riċerka w attivitajiet orjentati lejn il-politika. Il-Kummissjoni hi impenjata wkoll li tesplora kull possibilità sabiex toħloq effett multiplikattiv bil-Fondi billi ssib arranġamenti finanzjarji ma' partijiet interessati oħra, bħall-Bank Ewropew ta' l-Investiment.

## 5. KONKLUŻJONIJIET

L-Unjoni Ewropea trid taddotta rispons komprensiv lejn it-tkabbir u l-iżvilupp ta' sfidi ppreżentati mill-ġestjoni tal-flussi migratorji f'dinja globalizzata. L-2006 kienet sena ewlenija għall-Approċċ Globali. L-UE u l-Istati Membri kellhom suċċess fit-tnedija ta' kooperazzjoni konkreta bħal qatt qabel. Iżda, fl-2006 kien hemm ukoll żieda ulterjuri fil-pressjoni ta' migrazzjoni fuq l-UE, b'mod partikolari fuq il-fruntieri tagħha tan-Nofsinhar. Għalhekk l-azzjonijiet għandhom ikunu miżjuda u msaħħa aktar b'mod komprensiv sabiex tiżdied il-kapaċità ta' l-UE sabiex taffronta l-isfidi li għandhom x'jaqsmu mal-migrazzjoni.

Mill-1999, l-Unjoni Ewropea ħadet serje ta' inizjattivi lejn politika komuni dwar il-migrazzjoni, sabiex twaqqaf politika komuni dwar il-kenn politiku, il-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar ta' nies, ikun żgurat trattament ġust ta' migranti regolari, u l-bini ta' sħubija ma' pajjiżi ta' oriġini u tranżitu. Il-Kummissjoni hi determinata li tkompli f'din it-triq, billi tagħmel proposti oħra leġiżlattivi lill-Kunsill u l-Parlament għall-migrazzjoni legali, li jinkludu d-drittijiet tal-ħaddiema migranti. Iżda l-Istati Membri għandhom jżidu wkoll l-isforzi tagħhom, sabiex jassiguraw l-implimentazzjoni rapida ta' dawk il-miżuri diġà miftiehma u sabiex tikkomplementa l-azzjoni ta' l-UE flimkien ma' l-inizjattivi tagħhom.

Hu ta' importanza kbira li tiġi magħmula valutazzjoni fuq bażi regolari dwar l-attivitajiet li jinsabu għaddejjin u li l-istrateġiji ta' l-UE jiġu aġġustati kif meħtieġ, filwaqt li jiġi ammess li risposta fis-sod u xierqa lejn il fenomenu tal-migrazzjoni se titlob sforzi kontinwi u fit-tul u riżorsi sostanzjali.

**Anness A**
**REFERENZI**

Il-lista li ġejja fiha referenza sħiħa ta' kull dokument ikkwotat fil-Komunikazzjoni, kif ukoll uħud mid-dokumenti reċenti addizzjonali ta' rilevanza.

## IL-KOMUNIKAZZJONIJIET TAL-KUMMISSJONI

- Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar it-Tisħiħ tat-Tmexxija tal-Fruntieri Marittimi tan-Nofsinhar ta' l-Unjoni Ewropea COM(2006) tad-30 ta' Novembru 2006.
- Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar it-Tisħiħ tal-Politika tal-Viċinat Ewropew, COM(2006) 726 finali tad-29 ta' Novembru 2006.
- Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar Il-futur demografiku ta' l-Ewropa – minn sfida għal opportunità. COM(2006) 571 tat-12 ta' Ottubru 2006.
- Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-prijoritajiet tal-Politika fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali ta' ċittadini minn pajjiżi terzi, COM (2006) 402 finali tad-19 ta' Lulju 2006.
- Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Implimentazzjoni tal-Programm ta' l-Aja: it-triq 'il quddiem, COM (2006) 331 finali tat-28 ta' Ġunju 2006.
- Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-Promozzjoni ta' xogħol deċenti għal kulħadd: Il-kontribuzzjoni ta' l-UE sabiex tiġi implimentata l-aġenda għal xogħol deċenti fid-dinja, COM(2006) 249 ta' l-24 ta' Mejju 2006.
- Pjan Politiku dwar il-Migrazzjoni Legali, COM(2005) 669 finali tal-21 ta' Diċembru 2005.
- Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Istrateġija ta' l-UE għal Azzjoni dwar il-Kriżi fir-Riżorsi Umani għas-Saħħa f'Pajjiżi li qed Jiżviluppaw, COM(2005) 642 tat-12 ta' Diċembru 2005.
- Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-azzjonijiet ta' Prijorità sabiex jwieġbu għall-isfidi tal-migrazzjoni: L-ewwel segwitu għal Hampton Court, COM(2005) 621 finali tat-30 ta' Novembru 2005.
- Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp: Ftit orjentazzjonijiet konkreti, COM(2005) 390 finali ta' l-1 ta' Settembru 2005.
- Il-Komunikazzjoni dwar il-Kummissjoni dwar Aġenda Komuni dwar għall-Integrazzjoni. Qafas għall-Integrazzjoni ta' ċittadini minn pajjiżi terzi fl-Unjoni Ewropea, COM(2005) 389 finali ta' l-1 ta' Settembru 2005.

## KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL U L-KUNSILL EWROPEW

- Il-konklużjonijiet tal-Presidenza dwar l-Approċċ Globali lejn il-Migrazzjoni: Azzjonijiet ta' Prijorita' li jiffokaw fuq l-Afrika u l-Mediterran, il-Kunsill Ewropew, Brussel, 15-16 ta' Diċembru 2005.

- L-Istrateġija ta' l-UE għall-Afrika, il-Kunsill Ewropew, SEC 15961/07, 15-16 ta' Diċembru 2005.

- L-Istrateġija għal Dimensjoni Esterna tal-JHA: Libertà Globali, Sigurtà u Ġustizzja, 14366/3/05, tat-12 ta' Diċembru 2005.

- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Aġenda Komuni dwar l-Integrazzjoni, 14390/05, 1-2 ta' Diċembru 2005.

## DOKUMENTI OĦRA

- Rapport Annwali dwar il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni SEC(2006) 892.

- Pjanjiet ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l- Inkluzjoni Soċjali 2006-2008.

- Il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ tal-Ġustizzja, Libertà u Sigurtà, *Ktejjeb dwar l-integrazzjoni għal dawk li jwettqu il-politika u l-prattikanti,* Novembru 2004, miktub mill-Grupp dwar il-Politika tal-Migrazzjoni, Brussell. Il-ktejjeb jista' jitniżżel mill-indirizz li ġej: http://europa.eu.int/comm/justice_home/doc_centre/immigration/integration/doc/handbook_en.pdf

- *Il-Mudell tal-migrazzjoni tal-ħaddiema fl-Ewropa: Tendenzi Reċenti, Sfidi tal-Futur*, ippublikat f'Settembru 2006 fis-serje Economic Paper u disponibbli mill-websajt: http://ec.europa.eu/economy_finance/publications/economicpapers_en.htm).

## ANNES B

## ĦARSA LEJN IX-XOGĦOL MWETTAQ FUQ KULL AZZJONI TA' PRIJORITÀ FL-2006

Dan li ġej jipprovdi dettalji ta' xogħol magħmul fuq l-azzjonijiet ta' prijorità waqt is-sena ta' l-2006. L-għan tiegħu hu li jagħti idea fir-rigward ta' l-ammont u t-tip ta' xogħol li seħħ, iżda ma għandux skop li jkun komprensiv.

### I: IŻ-ŻIEDA TA' KOOPERAZZJONI OPERAZZJONALI BEJN L-ISTATI MEMBRI

L-Aġenzija FRONTEX ikkoordinat bosta operazzjonjiet konġunti importanti sabiex jassistu l-Istati Membri tan-Nofsinhar. Dawn l-attivitajiet kienu l-ewwel prova għall-Aġenzija u turija ta' solidarjeta ma' dawk l-Istati Membri l-aktar milquta minn numri kbar ta' migranti li jaslu kuljum. Fost l-operazzjonijiet importanti li ġew mwettqa fil-ħarifa huma HERA II fil-Gżejjer Kanarji u lil hinn mill-kosta tal-Majjistral ta' l-Afrika u NAUTILUS fiċ-ċentru tal-Mediterran. L-għan ta' dawn l-operazzjonijiet, li involvew ukoll il-kooperazzjoni ta' l-Istati ġirien Afrikani, kien li jinfurzaw il-kontroll tal-fruntieri esterni marittimi ta' l-Unjoni Ewropea, biex b'hekk titwaqqaf u tiġi prekluża l-immigrazzjoni illegali bil-baħar, kif ukoll fl-istess ħin jikkontribwixxi sabiex jiġu salvati l-ħajjiet ta' l-immigranti illegali meta jkunu fuq il-baħar fil-periklu (operazzjonijiet ta' riċerka u salvataġġ). Barra minn hekk, FRONTEX ikkordinat il-provvediment ta' esperti fl-identifikazzjoni tan-nazzjonalità minn Stati Membri oħra lil Spanja u Malta sabiex jassistu l-awtoritajiet ta' dawn iż-żewġ Stati Membri fir-ripatriazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jistgħux jibqgħu fit-territorji tagħhom legalment.

Żewġ studji importanti se jippreparaw xogħol fil-futur. F'Lulju l-FRONTEX lestiet studju ta' probabbiltà dwar Netwerk ta' Għassa Kostali fil-Mediterran (MEDSEA). L-istudju jitlob it-twaqqif ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni fl-Istati Membri li, jikkoordinaw l-attivitajiet ta' l-awtoritajiet differenti involuti, erbgħa u għoxrin siegħa kuljum u sebat ijiem fil-ġimgħa, f'kooperazzjoni maċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni ta' l-Istati Membri ġirien u pajjiżi terzi. FRONTEX qed tagħmel ukoll studju dwar il-possibilità teknika ta' sistema ta' sorveljanza li tkopri l-fruntiera marittima kollha tan-Nofsinhar ta' l-UE u l-Baħar Mediterran (BORTEC). Dan l-istudju se jkun jikkonsisti minn ħarsa dwar sistemi eżistenti ta' monitoraġġ u sorveljanza, iz-zona koperta u s-soluzzjonijiet tekniċi tagħhom, kif ukoll il-bżonnijiet u x-xewqat għal żvilupp ulterjuri b'teknoloġija moderna sabiex tkopri l-fruntieri marittimi kollha tan-nofsinhar ta' l-UE. Dan għandu jkun lest sa l-aħħar ta' l-2006.

L-iżvilupp tan-Netwerks Reġjonali ta' l-Uffiċjali tal-Kollegamenti ta' l-Immigrazzjoni (ILOs) għamel progress bħala parti mill-Inizjattiva tar-Rotot Migratorji ġenerali. Erba' rotot migratorji ewlenin mill-Afrika lejn l-Ewropa kienu identifikati, u ġiet determinata l-preżenza ta' l-ILOs matul dawn ir-rotot. Ir-rapporti dwar l-immigrazzjoni illegali kienu abbozzati minn dawn l-ILOs, li taw stampa tas-sitwazzjoni fil-pajjiżi rispettivi tagħhom u rakkomandazzjonijiet operazzjonali sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni matul dawn ir-rotot. Sadattant, Spanja, Franza, l-Italja, u r-Renju Unit aċċettaw tmexxija għal kull Netwerk Reġjonali, u l-laqgħat reġjonali seħħew malajr. In-Netwerks Reġjonali issa se jaħdmu fuq l-iżvilupp ta' pjan ta' azzjoni għal kull rotta, li jikkonsisti fi proġetti operazzjonali konkreti, li jistgħu jiġu mplimentati sabiex jgħinu fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali.

F'Lulju il-Kummissjoni ppreżentat proposta għat-twaqqif ta' Timijiet ta' Intervent Rapidu fil-Fruntieri li għandhom jiġu mmexxija mill-FRONTEX. Timijiet bħal dawn għandhom

jikkonsistu minn uffiċjali tal-gwardja tal-Fruntieri tas-servizzi nazzjonali ta' l-Istati Membri mħarrġa apposta li fuq avviż qasir jistgħu jiġu mobilitati lejn Stat Membru li qed jagħmel talba sabiex jipprovdi assistenza teknika u operazzjonali. Skond il-proposta n-nefqa li għandha x'taqsam mat-taħriġ u t-tħaddim ta' dawn l-uffiċjali mill-FRONTEX għandha tkun koperta mill-Komunità. Il-proposta qiegħda tiġi diskussa mill-Kunsill; adozzjoni fi żmien qasir tkun tfisser li huma jistgħu jsiru operazzjonali fil-futur qrib.

Il-Kummissjoni kienet ukoll qed tagħmel analiżi dwar il-liġi tal-baħar mill-perspettiva tal-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali. L-istudju jeżamina l-poteri ta' kontroll ta' l-Istati Membri fi spazji differenti marittimi, kif ukoll l-obligazzjonijiet ta' pajjiżi terzi fuq il-bażi tal-liġi internazzjonali tal-baħar u l-liġi marittima u fir-rigward tal-ġlieda kontra l-kuntrabandu tal-migranti. Il-possibilità ta' mekkaniżmu ta' kooperazzjoni reġjonali istituzzjonalizzata matul il-linji ta' dik diġà eżistenti fost l-Istati Baltiċi huma wkoll esplorati.

L-Istati Membri ta' l-UE u l-Kummissjoni għandhom rwol attiv fil-preparazzjonijiet għad-Djalogu ta' Livell Għoli tan-NU dwar il-migrazzjoni internazzjonali u l-iżvilupp. Pożizzjoni Komuni ta' l-UE ġiet żviluppata fil-Kunsill bħala kontribuzzjoni għad Djalogu; supplimentata minn Komunikazzjoni tal-Kummissjoni. Din stipulat l-approċċ ta' l-UE dwar kwistjonijiet li qed jiġu koperti mid-Djalogu. Il-każ stess kien suċċess. Rappreżentanti għolja minn madwar id-dinja iltaqgħu flimkien għal jumejn sabiex iwiegħdu l-appoġġ tagħhom lejn kooperazzjoni aktar mill-viċin dwar il-kwistjonijiet ta' migrazzjoni u żvilupp. Bosta Stati wrew ix-xewqa tagħhom sabiex jkomplu d-djalogu permezz ta' Forum globali, informali u volontarju. Il-Belġju offriet sabiex tospita l-Forum Globali dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp fl-2007. L-għan se jkun sabiex jinqasam l-għarfien espert u l-aqwa prattika u tissaħħaħ il-kooperazzjoni fil-qasam tal-migrazzjoni u l-iżvilupp.

| | |
|---|---|
| **PARTI I: IŻ-ŻIEDA TA' KOOPERAZZJONI OPERAZZJONALI BEJN L-ISTATI MEMBRI** | |
| 1. Sejħa lil FRONTEX sabiex: | |
| 1.1 issir l-implimentazzjoni tal-miżuri tat-tmexxija tal-fruntieri fir-reġjun tal-Mediterran, b'mod partikolari l-operazzjonijiet konġunti u l-proġetti pilota, kmieni kemm jista' jkun fl-2006 | |
| Bosta operazzjonijiet konġunti u proġetti pilota kienu ppjanati u implimentati matul l-2006. Ir-Renju Unit innegozja ftehim għall-qafas ta' partenarjat mall-FRONTEX sabiex tippermetti l-uffiċjali mir-Renju Unit sabiex jipparteċipaw f'operazzjonijiet konġunti fuq bażi ta' każ b'każ.<br><br>Il-proposti għal proġġetti kienu wkoll sottomessi mill-Istati Membri lejn programmi varji tal-Komunità, li jinkludu l-ARGO u AENEAS. Dawn jinkludu il-proġetti Spanjoli 'Seahorse', 'Atlantis' u 'Gate to Africa'. | |
| **Azzjonijiet u avvenimenti**: | |
| 25 ta' Ġunju -5 ta' Lulju | Operazzjoni Poseidon: Dan il-proġett kejjel l-effettività tal-kontrolli tal-fruntiera fuq ir-'rotta tal-Balkani'. Twettqet azzjoni |

| | |
|---|---|
| | konġunta sabiex tiġi miġġielda l-immigrazzjoni illegali. Seħħet f'bosta postijiet matul l-ordni ta' l-art bejn il-Greċja u t-Turkija, kif ukoll f'portijiet fil-Greċja u l-Italja. |
| 15 ta' Lulju-15 ta' Settembru | Operazzjoni AGIOS: Operazzjoni konġunta sabiex jiġu ttrattati dokumenti ffalsifikati f'portijiet Mediterranji ta' Spanja. It-tħaddim ta' l-uffiċjali ta' l-UE beda fil-bidu ta' Awwissu. L-implimentazzjoni tal-Proġett AGIOS għandu x'jaqsam mill-qrib mall-proġett 'Gate of Africa' li hu iffinanzjat mill-ARGO. |
| HERA I: 17 ta' Lulju-31 ta' Ottubru<br><br>HERA II: 11 ta' Awwissu s'issa | Operazzjoni HERA: Proġġett li mmira sabiex jitnaqqas il-fluss ta' migranti mis-Senegal u l-Mawritanja lejn il-Gżejjer Kanarji. L-għan kien milħuq billi ġie miżjud in-numru ta' ripatrijazzjonijiet mwettqa (HERA I – Identifikazzjoni u Ritorn), kif ukoll jiġu mwaqqfa għasses fil-baħar miftuħ viċin tas-Senegal u l-Mawritanja sabiex jonqos it-tluq tal-bastimenti minn dawn l-ixtut (HERA II - Tgħassis) |
| 31 ta' Lulju-31 ta' Ottubru<br><br>It-tieni fażi hi prevista minn nofs Novembru sa nofs Diċembru | Operazzjoni Fluss Migratorju Malta: l-għan prinċipali ta' din l-operazzjoni kienet sabiex jiġi ttrattat il-fluss ta' l-immigranti illegali li qegħdin jimbarkaw minn xtut Libjani, sabiex jissaħħu l-għarfien u l-intelliġenza ta' l-awtoritajiet Maltin kif ukoll jiżdied l-persentaġġ ta' identifikazzjoni b'suċċess ta' l-immigranti illegali. |
| 5 ta' Ottubru-15 ta' Ottubru | Operazzjoni Nautilus: l-iskop prinċipali ta' din l-operazzjoni konġunta kien sabiex tgħasses iż-zona tan-Nofsinhar ta' Sqallija, Lampedusa u Malta fil-Baħar Mediterran sabiex tnaqqas il-flussi ta' l-immigrazzjoni li bażikament joriġinaw mil-Libja. Intalab l-involviment tal-Libja f'dan il-proġett. |
| 1-22 ta' Novembru | Operazzjoni Amazonja: Hekk imsejħa Uffiċji ta' Punt Fokali ġew mwaqqfa f'ajruporti internazzjonali fi Spanja, il-Portugall, ir-Renju Unit, l-Italja, l-Olanda u l-Ġermanja, bl-għan li jimpedixxu l-immigrazzjoni illegali. Il-punt fokali kien fuq ir-rotot migratorji ta' l-Amerika Latina. |
| **Il-passi li jmiss** | ○ Inkomplu mmexxu l-operazzjonijiet konġunti |
| 1.2. Jiġi ppreżentat rapport dwar l-analiżi tar-riskju dwar l-Afrika, li jibni fuq studji reċenti, sa Mejju 2006 | |
| FRONTEX qassmet ir-rapport dwar l-analiżi, *Brief Assessment of Illegal Immigration Flows and Routes on the African Continent*, f'Mejju. Dan ir-rapport għen fl-identifikazzjoni tar-rotot prinċipali ta' l-immigrazzjoni illegali mill-Afrika, u ġie wżat sabiex jappoġġja ix-xogħol fit-tnedija ta' netwerks reġjonali ta' l-ILO. | |
| **Azzjonijiet u avvenimenti:** | |
| Rebbiegħa | EUROPOL ħareġ studju dwar il-Lvant tal-Mediterran. |
| April | FRONTEX ipprovdiet rapport mfassal dwar l-Analiżi tar-Riskju dwar l-Immigrazzjoni Illegali mill-Mawritanja, billi identifikat rotot użati għall- |

| | |
|---|---|
| | immigrazzjoni illegali mill-Afrika tal-Punent fi tranżitu lejn il-Mawritanja. |
| It-30 ta' Mejju | FRONTEX ipprovdiet l-Analiżi ta' Riskju dwar il-migrazzjoni illegali mill-Afrika b'attenzjoni speċjali fuq il-Marokk u l-Libja u ppreżentat ir-riżultati tal-Laqgħa tal-Bord tat-Tmexxija f'Siofok. |
| 22-23 ta' Mejju, Casablanca | Laqgħa ta' l-Interpol dwar il-migrazzjoni illegali fl-Afrika |
| 7-9 ta' Ġunju, Brdo, Slovenja | Laqgħa konġunta ICMPD-EUROPOL li saret fi ħdan il-qafas tad-Djalogu dwar il-Migrazzjoni ta' Tranżitu fil-Mediterran (MTM), dwar it-tema '*Flussi u Tendenzi Migratorji fil-Mediterran'*. |
| 13-14 ta' Novembru, Porto | Laqgħa konġunta ICMPD-EUROPOL-FRONTEX li saret fi ħdan il-qafas tad-Djalogu dwar l-MTM, dwar it-tema 'Proġett lejn Rispons Komprensiv dwar il-Flussi *Migratorji Mħallta*'. |
| **Il-passi li jmiss:** | ○ L-analiżi tar-riskju sabiex jintużaw fl-ippjanar u l-preparazzjoni ta' operazzjonijiet oħra. |
| 1.3. Tnedija ta' studju ta' probabilità dwar it-tisħiħ tal-monitoraġġ u s-sorveljanza tal-fruntiera marittima tan-Nofsinhar ta' l-UE, preċiżament il-Baħar Mediterran, u dwar Netwerk ta' Għassa Kostali fil-Mediterran li tinvolvi l-Istati Membri ta' l-UE u l-pajjiżi ta' l-Afrika ta' Fuq, kmieni kemm jista' jkun fl-2006 | |
| Grupp ta' appoġġ li bħalissa jikkonsisti minn 14 Stat Membru kien imwaqqaf sabiex jagħmel studju dwar l-MEDSEA, li kien tlesta f'Lulju. Ir-rakkomandazzjoni prinċipali ta' dan l-istudju kien sabiex jiġu mwaqqfa ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni fl-Istati Membri kollha, li fuq bażi ta' 24 siegħa kuljum għandhom jikkoordinaw l-attivitajiet ta' l-Istati Membri u pajjiżi terzi. | |
| **Azzjonijiet u avvenimenti:** | |
| L-1 ta' Marzu | Grupp ta' esperti ewlenin mill-SP, IT, FR u l-GR bdew jaħdmu fuq FRONTEX. L-Istati Membri li qed jipparteċipaw bagħtu t-tweġibiet għal kwestjonarju ċċirkolat mill-FRONTEX. |
| 6 ta' April, Varsavja | L-ewwel laqgħa mill-Grupp ta' Appoġġ tal-MEDSEA. |
| 10 ta' Mejju, Varsavja | It-tieni laqgħa mill-Grupp ta' Appoġġ tal-MEDSEA. |
| 8 ta' Ġunju, Helsinki | It-tielet laqgħa mill-Grupp ta' Appoġġ tal-MEDSEA. |
| 20 ta' Ġunju, Varsavja | Ir-raba' laqgħa mill-Grupp ta' Appoġġ tal-MEDSEA. |
| 6 ta' Lulju, Varsavja | Il-ħames laqgħa mill-Grupp ta' Appoġġ tal-MEDSEA. |
| 24 ta' Lulju | Studju ppreżentat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni. |
| **Il-passi li jmiss:** | ○ Ir-rakkomandazzjonijiet ta' l-istudju sabiex jiġu implimentati mill-Istati Membri malajr kemm jista' jkun, fejn neċessarju b'appoġġ mill-FRONTEX – l-iskeda u l-ispejjeż għandhom jitpoġġew flimkien |

| | |
|---|---|
| | o Pajjiżi terzi għandhom jiġu kkuntatjati darba l-UE għandha viżjoni ċara ta' kif trid issaħħaħ il-monitoraġġ u s-sorveljanza – flessibilità suffiċjenti għal modifikazzjoni ta' l-approċċ ta' l-UE biex tinżamm ħalli tippermetti l-integrazzjoni tax-xewqat u l-viżjonijiet tal-pajjiżi terzi |
| 2. L-esplorazzjoni tal-possibilità teknika dwar it-twaqqif ta' sistema ta' sorveljanza li tkopri l-fruntiera marittima kollha tan-Nofsinhar ta' l-UE u il-Baħar Mediterran sa l-aħħar ta' l-2006. Sistema bħal din tuża tekonoloġija moderna bl-għan li jiġu salvati l-ħajjiet fuq il-baħar u tiġi ttrattata l-immigrazzjoni illegali | |
| Ftehim ta' xogħol għall-istudju 'BORTEC' kienu ttrasferiti mill-Kummissjoni lejn il-FRONTEX. | |
| **Azzjonijiet u avvenimenti:** | |
| Rebbiegħa | Grupp ta' esperti mwaqqaf sabiex jagħmel l-istudju, jġibu flimkien kemm nies tekniċi u operazzjonali, li jinkludu dawk bl-għarfien tas-sistema Galileo. |
| 5 ta' April | Laqgħa ta' koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-FRONTEX sabiex tippermetti t-trasferiment u l-kontinwazzjoni tax-xogħol. |
| 2 ta' Ġunju | Mudell tal-proġett approvat. |
| 7 ta' Lulju | L-ewwel laqgħa tal-Grupp ta' Appoġġ. |
| **Il-passi li jmiss:** | o Studju mistenni f'Diċembru |
| 3. It-twaqqif ta' netwerk reġjonali ta' Uffiċjali tal-Kollegamenti ta' l-Immigrazzjoni (ILOs) li jinvolvu pajjiżi jew reġjuni ta' prijorità kmieni kemm jista' jkun fl-2006, u jippreżentaw rapporti dwar l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar, fejn xieraq bl-assistenza ta' ILOs f'pajjiżi ewlenin, sa Mejju 2006 | |
| Ix-xogħol sabiex jitwaqqfu netwerks reġjonali ta' l-ILOs kien relatat mill-viċin ma' l-inizjattiva tar-rotot migratorji u l-Konferenza Ministerjali Reġjonali ta' l-UE u l-Afrika li saret f'Rabat. Fuq il-bażi ta' data u statistiċi eżistenti, erba' rotot migratorji ewlenin mill-kontinent Afrikan lejn l-Ewropa kienu identitfikati u magħżula għal xogħol dettaljat. Għal kull waħda minn dawn ir-rotot il-preżenza ta' l-ILOs fil-pajjiżi rilevanti kienet determinata. L-ILOs ġew avviċinati sabiex jagħmlu abbozz ta' rapporti dwar l-immigrazzjoni illegali u jressqu rakkomandazzjonijiet operazzjonali konkreti sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni matul ir-rotot. Id-Delegazzjonijiet tal-KE f'pajjiżi terzi rilevanti identifikaw il-persuni li jistgħu jiġu kkuntatjati dwar l-immigrazzjoni li jappoġġjaw l-attività ta' rappurtaġġ. Is-sistema ICONet ġiet adottata għal użu speċifiku minn Netweks ta' l-ILOs. Barra minn hekk, għal kull rotta ewlenija ġie identifikat Stat Membru prinċipali: SP, FR, IT u r-Renju Unit għan-netwerks reġjonali 1 għal 4 rispettivament. L-Istati Membri ewlenin ġew mitluba jabbozzaw attivitajiet għal sitt xhur, li jinkludu laqgħat reġjonali tal-bidu, bl-għan finali li jiġi żviluppat pjan ta' azzjoni operazzjonali għal kull rotta. | |
| **Azzjonijiet u avvenimenti:** | |
| Mejju-Ġunju | Rapport dwar l-immigrazzjoni illegali magħmul mill-ILOs. |
| 14 ta' Ġunju, Madrid | Laqgħa preparatorja konġunta għan-netwerks reġjonali 1 u 2 ta' l-ILOs , organizzata minn SP u FR. |

| | |
|---|---|
| 6 ta'Ġunju, Las Palmas de Gran Canarias | Laqgħa konġunta ta' bidu għan-netwerks reġjonali 1 u 2 ta' l-ILOs organizzati minn SP u FR, jġibu flimkien ILOs matul iż-żewġ rotot. |
| 6 ta' Ottubru, Londra | Laqgħa preparatorja konġunta għan-netwerks reġjonali 3 u 4 ta' l-ILOs , organizzata mill-IT u r-Renju Unit. |
| 14-15 ta' Novembru, Ruma | Laqgħa konġunta ta' bidu għan-netwerks reġjonali 3 u 4 ta' l-ILOs, li jġibu flimkien ILOs matul iż-żewġ rotot. |
| **Il-passi li jmiss:** | o Laqgħat lokali tan-netwerks reġjonali ta' l-ILO għandhom jsiru regolarment<br>o Għandhom jitfasslu pjanijiet ta' azzjoni operazzjonali |

4. It-tressiq ta' proposta dwar il-ħolqien ta' gruppi ta' reazzjoni rapida magħmula minn esperti nazzjonali kapaċi jipprovdu malajr għajnuna teknika u operazzjonali meta jkun hemm influss qawwi ta' migranti, skond il-Programm ta' l-Aja, sar-Rebbiegħa 2006

F'Lulju il-Kummissjoni ppreżentat proposta għat-twaqqif ta' Timijiet ta' Intervent Rapidu fil-Fruntieri li għandhom jiġu mmexxija mill-FRONTEX. Timijiet bħal dawn jkunu magħmula minn uffiċjali tal-gwardja tal-fruntieri tas-servizzi nazzjonali ta' l-Istati Membri speċjalment imħarrġa li f'qasir żmien jistgħu jitħaddmu ma' l-Istat Membru li jkun qed jagħmel it-talba sabiex jipprovdi għajnuna teknika u operazzjonali. In-nefqa kollha assoċjata mat-taħriġ u l-iżvilupp ta' dawn l-uffiċċjali mill-FRONTEX għandha, skond il-proposta, tkun koperta mill-Kummissjoni.

**Azzjonijiet u avvenimenti:**

| | |
|---|---|
| April | L-istudju dwar kompetenza legali tal-gwardji tal-fruntieri hu lest. |
| 19 ta' Lulju | Proposta għal Regolament dwar it-tnedija ta' mekkaniżmu għal ħolqien ta' Timijiet ta' Intervent Rapidu fil-Fruntieri (RABITs) sottomess mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill. |
| **Il-passi li jmiss:** | o Id-diskussjoni tal-Kunsill tal-proposta, segwit mill-adozzjoni tar-Regolament.<br>o Tkomplija ta' xogħol mill-Kummissjoni fuq proposta għal timijiet ta' esperti intervenjenti fil-kuntest tal-kenn politiku. |

5. Ikun żgurat xogħol ta' segwitu sostanzjali għar-rapport tal-Kummissjoni Globali dwar il-Migrazzjoni Internazzjonli, u l-preparament għad-Djalogu ta' Livell Għoli tan-NU dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp li se jitnieda f'Settembru 2006

Bosta avvenimenti preparatorji kienu organizzati fit-tħejjija għall-HLD, u l-Kummissjoni u l-Istati Membri ħadu sehem attiv fihom kollha. Memorandum tal-Kummissjoni dwar il-politika ta' l-UE, Kommunikazzjoni u Pożizzjoni Komuni ta' l-UE kienu kollha sottomessi bħala kontribuzzjoni għall-preparazzjonijiet. L-HLF nnifisha kienet suċċess. Rappreżentanti ta' livell għoli minn madwar id-dinja kkommettew ruħhom għal kooperazzjoni aktar mill-viċin dwar kwistjonijiet ta' migrazzjoni u żvilupp u ftiehmu sabiex ikomplu d-djalogu permezz ta' forum globali.

**Azzjonijiet u avvenimenti:**

| | |
|---|---|
| 4-7 ta' April, New York | Id-39 Sezzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp. |
| Mejju | Memorandum tal-Kummissjoni dwar il-politika ta' UE mibgħuta lis- |

| | |
|---|---|
| | Segretarju Ġenerali tan-NU mill-President Barroso. |
| 12 ta' Ġunju, Brussell | BE organizza seminar sabiex jiġi diskuss ix-xogħol ta' segwitu għall-HLD. |
| 28-30 ta' Ġunju, Turin | Is-Simpożju Internazzjonali dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp organizzat mid-DESA - il-Kummissjoni organizzat sessjoni dwar il-politika ta' l-UE dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp, li inkludiet bħala kelliem rappreżentant mis-Segretarjat ta' l-ACP. |
| 14 ta' Lulju | Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni maħruġa. |
| 17 ta' Lulju Brussell | Il-Pożizzjoni Komuni ta' l-UE ġiet adottata mill-Kunsill ta' l-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Esterni. |
| 14-15 ta' Settembru, New York | Djalogu ta' Livell Għoli tan-NU dwar il-Migrazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp. |
| **Il-passi li jmiss:** | o Il-parteċipazzjoni u l-appoġġ fil-forum Globali li għandu jsir mill-BE f'Lulju 2007 |

| |
|---|
| 6. Il-preżentazzjoni ta' analiżi ta' strumenti internazzjonali eżistenti dwar il-liġi tal-baħar, li tinkludi aspetti rilevanti tal-liġi tar-refuġjati, sa Marzu 2006 |
| Il-Kummissjoni qiegħda twettaq dan l-istudju b'konċentrazzjoni partikolari fuq il-Mediterran. L-istudju hu essenzjalment analiżi tan-nuqqasijiet fejn jiġu identifikati l-kwistjonijiet li jistgħu jiġu esplorati aktar fil-fond. Hu mistenni li jiġi ppubblikat dalwaqt. |
| **Azzjonijiet u avvenimenti:** |

| | |
|---|---|
| 23-24 ta' Mejju, Madrid | Laqgħa dwar l-Operazzjonijiet ta' Salvataġġ fuq il-Baħar u Interċettazzjoni Marittima fil-Mediterran, organizzata mill-UNHCR, li attendew għaliha ir-reppreżentanti tal-marittima u l-immigrazzjoni ta' kważi kull stat fil-fruntiera mal-Mediterran, kif ukoll pajjiżi oħra interessati. Il-laqgħa wriet il-bżonn ta' approċċ miftiehem u komplementari li jinvolvi l-atturi statali kollha, mhux biss dawk li għandhom x'jaqsmu mas-salvataġġ fuq il-baħar u l-attivitajiet ta' interċettazzjoni.<br><br>Tliet rakkomandazzjonijiet speċifiċi li ħarġu mil-laqgħa kienu: Hemm bżonn li tkompli d-diskussjoni dwar kwistjonijiet li jinkludu s-salvataġġ fuq il-baħar, l-interċettazzjoni u l-iżbark; l-Istati Membri ta' l-IMO għandhom responsabbiltà kollettiva sabiex ikunu konformi mal-Konvenzjonijiet ta' SAR u SOLAS u l-linji gwida ta' l-IMO u bi ġbir ta' *data* mtejba u kooperazzjoni msaħħa, l-istati jistgħu jkomplu jieħdu tagħlimiet minn prattiċi tajbin identifikati band'oħra u jfittxu li jibbenefikaw mir-rwoli komplementari li jista' jkollhom l-IGOs fil-qasam ta' l-ilqugħ, l-eżaminazzjoni u l-assistenza fl-istħarriġ ta' soluzzjonijiet għal kategoriji varji ta' persuni. |
| **Il-passi li jmiss:** | o Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport<br>o Id-diskussjoni ta' l-analiżi, u l-iżvilupp ta' pożizzjoni komuni ta' l-UE dwar mistoqsijiet legali miftuħa |

## II ID-DJALOGU U L-KOOPERAZZJONI MA' L-AFRIKA

L-ewwel sena kienet bażikament sena tal-bini ta' l-aġenda. Bir-rikonoxximent tan-neċessità sabiex ikun hemm ħidma fi sħubija mal-pajjiżi Afrikani u Mediterranji u sabiex jiġu indirizzati l-bżonnijiet u t-tħassib ta' dawk kollha involuti, l-2006 serviet bħala sena preparatorja, billi lestiet it-triq għal impenn ma' l-istati Afrikani dwar il-firxa tal-kwistjoni tal-migrazzjoni.

L-ammont ta' spazju fl-aġenda mogħti lill-migrazzjoni f'fora reġjonali din is-sena kien sa ċertu punt sorpriża. Konferenza Ministerjali bejn l-UE u l-Afrika dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp saret fi Tripli fit-22-23 ta' Novembru, li adottat Dikjarazzjoni Konġunta. Dan kien avveniment ta' importanza kbira, meta jitqies li għall-ewwel darba l-UE u l-Afrika kollha iltqagħu sabiex jagħmlu impenn politiku sabiex jaħdmu flimkien fuq il-migrazzjoni. B'mod simili, korpi reġjonali oħra pprovdew l-attenzjoni tagħhom lejn il-migrazzjoni - l-Istati ta' l-ACP għamlu l-ewwel laqgħa tagħhom tal-ministri responsabbli għal kenn politiku u l-migrazzjoni, li rriżultat f'dikjarazzjoni u pjan ta' azzjoni; il-migrazzjoni ġiet diskussa u kienet prominenti fil-konklużjonijiet ta' l-UE-ECOWAS Troika; u għall-ewwel darba il-migrazzjoni kienet fuq l-aġenda bħala punt ta' diskussjoni fil-Kunsill ta' l-ACP-UE.

Il-Konferenza ministerjali li saret f'Rabat f'Lulju kienet avveniment importanti u ta' suċċess. Bħala inizjattiva konġunta bejn il-Marokk, Spanja u Franza u kofinanzjata mill-Kummissjoni, il-konferenza ġabet flimkien l-istati Afrikani tal-Lvant, Ċentrali u ta' Fuq ma' l-Istati Membri ta' l-UE sabiex jiddiskutu tweġibiet komuni għal flussi migratorji matul ir-rotta tal-Punent ta' l-Afrika. L-Istati kkommettew ruħhom sabiex jiżviluppaw sħubija mill-viċiin "sabiex jaħdmu flimkien, fil-qafas ta' approċċ globali, ibbilanċjat, pragmatiku u operazzjonali, b'rispett għad-drittijiet fundamentali u d-dinjità tal-migranti u r-refuġjati, fuq il-fenomenu tar-rotot migratorji". Il-konferenza qablet li dan il-qafas għandu jinvolvu l-pajjiżi ta' l-oriġini, tat-tranżitu u tad-destinazzjoni, u li ċentrali għal din l-isħubija hi l-ġlieda kontra l-povertà u l-promozzjoni ta' l-iżvilupp sostenibbli fi stati Afrikani. Issa se jkun importanti li jiġu implimentati inizjattivi kontenuti fil-Pjan ta' Azzjoni, sabiex "nirrispondu għall-urġenza tas-sitwazzjoni u nagħtu viżibilità u kredibilità għad-dinamika ġdida mwassla mill-konferenza". Id-dikjarazzjoni ta' Rabat sejħet għat-tieni konferenza ministerjali ta' segwitu mhux aktar tard minn żmien sentejn oħra.

Beda djalogu fuq il-bażi ta' l-artikolu 13 tal-Ftehim Cotonou ma' ċerti stati ewlenin Afrikani 'l Isfel mis-Saħara. Laqgħat ma' l-awtoritajiet fil-Mawritanja, is-Senegal u l-Mali kienu estremament pożittivi u produttivi, u d-diskussjonijiet dwar il-migrazzjoni issa se jkomplu bħala parti mid-djalogu politku mmexxi mill-Kapijiet ta' Missjoni. Marbuta ma' din, il-migrazzjoni bħalissa qed tkun inkorporata f'eżerċizzju ta' programmazzjoni għall-għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp (EDF). Fejn rilevanti, kull Dokument dwar l-Istrateġija tal-Pajjiż għall-pajjiżi ta' l-ACP għandu jkollu profil dwar il-migrazzjoni, u diskussjoni bejn id-delegazzjonijiet, l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi ikkonċernati għandhom jirrizultaw fl-identifikazzjoni tal-prijoritajiet għal finanzjament għal attivitajiet relatati mall-migrazzjoni u proġetti għall-ħames snin li ġejjin. L-importanza ta' l-appoġġ lejn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-ġestjoni tal-migrazzjoni, faċilità tal-migrazzjoni intra-ACP ta' 25 miljun EUR ġew żviluppati u xogħol ta' ipproggramar kien għaddej. Se tiffoka b'mod partikolari fuq it-tmexxija tal-migrazzjoni min-nofsinhar.

Wieħed jista' wkoll isemmi xogħol ieħor li jinsab għaddej fuq l-aġenda dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp. F'Marzu l-Belġju u l-IOM, bl-appoġġ tal-Bank Dinji u l-Kummissjoni, organizzaw

konferenza dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp. B'suċċess ġabet flimkien ir-rappreżentati ta' livell għoli minn madwar il-kontinenti, sabiex jiddiskutu il-kisba ta' aktar koerenza bejn il-politika ta' migrazzjoni u żvilupp, jiġu fformati partenarjati fost il-pajjiżi ta' oriġini, tranżitu u destinazzjoni, u jinvolvu il-komunitajiet migranti fl-iżvilupp tal-pajjiżi tagħhom. F'Ġunju l-Kummissjoni ospitat laqgħa għall-esperti dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp. Din kienet opportunità tajba sabiex jinqasmu esperjenzi u informazzjoni dwar proġetti kurrenti, b'mod partikolari fir-rigward l-erba' temi prinċipali: trasferimenti, ħidma mad-dijaspora, migrazzjoni temporanja u ċirkolari u telf ta' talent. Il-parteċipanti qablu fuq il-bżonn li tiġi mqassma aħjar l-informazzjoni u tiġi mtejba l-koordinazzjoni f'dan il-qasam. Tassew, din l-aġenda tingħaqad mad-Djalogu ta' Livell Għoli tan-NU, u wkoll għandha bżonn tkun riflessa fl-assistenza ta' l-UE lejn pajjiżi interessati fl-Afrika.

Bil-maġġoranza ta' l-ippjanar ta' aġenda fis-seħħ, se jkun importanti li jkun hemm ħidma intensiva fl-implimentazzjoni ta' l-impenn meħud bejn l-Afrika u l-UE matul l-2007 u lil hinn.

| **PARTI II: ID-DJALOGU U IL-KOOPERAZZJONI MA' L-AFRIKA** | |
|---|---|
| 7. Il-ħidma sabiex nagħmlu l-migrazzjoni prijorità komuni għal djalogu politiku bejn l-UE u l-Unjoni Afrikana, li tinkludi ħidma permezz ta' laqgħat regolari għall-uffiċjali għolja sabiex jippreparaw għal diskussjonijiet Ministerjali bejn l-UE u l-Afrika dwar Troika | |
| Il-migrazzjoni kienet prominenti fuq l-aġenda ta' l-AU u laqgħat konġunti bejn l-AU u l-UE din is-sena, b'laqgħat għall-uffiċjali għolja sabiex jippreparawhom kif suppost. Id-djalogu intemm f'Konferenza Ministerjali dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp f'Tripli f'Novembru 2006. | |
| **Azzjonijiet u avvenimenti:** | |
| L-1 ta' Marzu, Addis Ababa | Il-Kummissjoni ta' l-AU u t-Task Force tal-Kummissjoni Ewropea – inkludew diskussjoni dwar il-possibilitajiet għal djalogu dwar il-migrazzjoni. |
| 3-5 ta' April, Alġier | Il-laqgħa ta' esperti f'AU – fissret abbozz ta' pożizzjoni komuni dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp. |
| 8 ta' Mejju, Vjenna | l-EU-Afrika Ministerjali Troika, ippreċeduta minn laqgħa għall-uffiċjali għolja – id-diskussjoni inkludiet il-konferenza ta' l-UE-pan Afrikana dwar il-migrazzjoni |
| 1-2 Lulju, Banjul | Il-pożizzjoni komuni ta' l-AU dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp ġiet adottata formalment waqt is-Samit ta' l-AU. |
| 11 -12 ta' Settembru, Brussell | Grupp Konġunt ta' Ħidma tal-Kummissjonijiet ta' l-UE-AU – id-diskussjoni ffukat dwar l-iskambju ta' informazzjoni u l-preparazzjoni tal-konferenza ta' Tripli. |
| 2 ta' Ottubru, Addis Ababa | Laqgħa bejn kummissjoni u oħra li tinvolvi bosta Kummissarji miż-żewġ naħat – fuq quddiem ta' l-aġenda kien kemm il-migrazzjoni u l-prinċipju tal-konferenza ta' Tripoli ġie approvat. |
| 9 ta' Ottubru, Brazzaville | L-EU-Afrika Ministerjali Troika – ikkonkludiet li l-konferenza |

| | |
|---|---|
| | ministerjali dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp se seħħ f'Tripli fit-22-23 ta' Novembru. |
| 22-23 ta' Novembru, Libja | Konferenza Ministerjali bejn l-UE-Afrika dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp – ġiet adottata dikjarazzjoni konġunta. Seħħu preparazzjonijiet fil-Grupp Għoli ta' Ħidma dwar il-Kenn Politiku u l-Migrazzjoni; Estensjoni tal-laqgħa Troika ospitata minn Malta; laqgħa għall-uffiċjali għolja li saret fi Tripli fil-21 ta' Novembru. |
| **Il-passi li jmiss:** | o Segwitu għad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-konferenza ministerjali |
| 8. Il-ħidma flimkien mal-pajjiżi Afrikani u l-organizzazzjonijiet reġjonali, bħall-ECOWAS, permezz ta' firxa ta' fora, Inizjattivi u laqgħat reġjonali, li jinkludu Konferenza Ministerjali bejn l-UE u l-Afrika fil-Marokk fl-2006 u konferenza dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp fi Brussell f'Marzu 2006 | |
| Xi avvenimenti ta' profil għoli b'suċċess ħadmu sabiex din is-sena jżommu b'mod sod il-migrazzjoni fuq l-aġenda internazzjonali u s-suġġett ta' tant dibattitu politiku. | |
| **Azzjonijiet u avvenimenti:** | |
| 6-8 ta' Frar, Kenja | Workshop ta' l-IOM dwar 'Id-Dokument Internazzjonali ta' l-Ivvjaġġar u s-Sistemi ta' Ħruġ: Reviżjoni teknika dwar l-istandards u s-sistemi għal gvernijiet ta' l-Afrika tal-Lvant u Ċentrali. |
| 15-16 ta' Marzu, Brussell | Konferenza dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp organizzata mill-BE u l-IOM bl-appoġġ tal-Bank Dinji u l-Kummissjoni |
| 4-6 ta' April, Brussell | Djalogu Afrikan-Ewropew Inter-reġjonali dwar it-Tmexxija tal-migrazzjoni tal-ħaddiema għall-Intergrazzjoni u l-Iżvilupp, organizzat mill-ILO bl-appoġġ finanzjarju ta' l-UE. |
| 13 ta' April, Brussell | L-ewwel laqgħa tal-Ministri ta' l-ACP li jieħdu ħsieb il-Kenn Politiku, il-Migrazzjoni u l-Mobbiltà – ġew adottati dikjarazzjoni u pjan ta' azzjoni. |
| 22-23 ta' Mejju, Vjenna | EU-ECOWAS Troika – il-migrazzjoni kienet fuq l-aġenda u dehret b'mod prominenti fil-konklużjonijiet; ftehim sabiex jitwaqqaf grupp ta' ħidma konġunt dwar il-migrazzjoni. |
| 6 ta' Ġunju, Lisbona | Seminar ta' l-IOM dwar il-"Migrazzjoni u l-iżvilupp fil-Komunità tal-Pajjiżi li jitkellmu bil-Potugiż - tinvolvi d-dijaspora bħala aġenti għall-iżvilupp". |
| 6 ta' Ġunju, Papwa Ginea Ġdida | Il-Kunsill ACP-UE - il-migrazzjoni kienet fuq l-aġenda bħala punt 'C' (diskussjoni) għall-ewwel darba |
| 28-29 ta' Ġunju, Niamey | Seminar tekniku, imwaqqaf mill-proġett AENEAS 2004 Matul is-Saħara – iffoka fuq is-sitwazzjoni fil-Libja u n-Niġer li tikkonċerna firxa ta' kwistjoni bħall-immigrazzjoni illegali, il-migrazzjoni ta' tranżitu, il-viżi, għar-riammissjoni u r-ritorn, il-kenn politiku u l-istatistiċi, u inkluż rapport ta' analiżi magħmul fuq il-bażi ta' tweġibiet |

<table>
<tr><td></td><td>minn kwestjonarju mill-awtoritajiet Niġerjani u Libjani</td></tr>
<tr><td>10-11 ta' Lulju, Rabat</td><td>Konferenza ministerjali Ewro-Afrikana dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp – ġew adottati dikjarazzjoni u pjan ta' azzjoni, bl-impenn sabiex issir laqgħa ministerjali oħra fi żmien sentejn sabiex issir valutazzjoni tal-progress. Il-preparazzjoni seħħet fil-laqgħat tal-Kumitat tat-Tmexxija, laqgħat għall-uffiċjali għolja (li tinkludi waħda ospitata mis-Senegal), u fil-Grupp Għoli ta' Ħidma dwar il-Kenn Politiku u l-Migrazzjoni bil-parteċipazzjoni ta' l-Ambaxxatur tal-Marokk.</td></tr>
<tr><td>26-27 ta' Ottubru, Niamey</td><td>UE-ECOWAS Troika – il-migrazzjoni reġgħet kienet minn ta' quddiem fuq l-aġenda u fil-konklużjonijiet.</td></tr>
<tr><td>Il-passi li jmiss:</td><td>o Xogħol ta' segwitu li għadu għaddej u l-implimentazzjoni ta' l-inizjattivi fil-pjan ta' azzjoni ta' Rabat<br>o L-iżvilupp ta' l-inizjattiva dwar ir-rotot migratorji ta' l-Afrika tal-Lvant<br>o Twaqqif malajr ta' grupp konġunt dwar il-migrazzjoni ta' l-UE-ECOWAS u jinbeda x-xogħol tiegħu</td></tr>
<tr><td colspan="2">9. Tiġi esplorata l-possibilità ta' inizjattiva ta' rotot migratorji għal kooperazzjoni operazzjonali bejn il-pajjiżi ta' oriġini, tranżitu u destinazzjoni, b'viżjoni sabiex tiġi żviluppata inizattiva fl-2006</td></tr>
<tr><td colspan="2">L-iżvilupp ta' kunċett dwar ir-rotta migratorja għamel progress tajjeb, b'bosta passi jiġu meħuda sabiex jiġu flimkien pajjiżi ta' oriġini, tranżitu u destinazzjoni matul l-istess rotta migratorja. Erba' rotot migratorji ewlenin fil-kontinent Afrikan lejn l-Ewropa ġew identifikati, kif stipulat f'azzjoni 3 hawn fuq.<br><br>Inizjattivi relatati oħra jinkludu Pjan ta' Azzjoni Ġenerali ippreparat mill-EUROPOL li jikkonċerna kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi għall-iskop ta' Task Force tal-Kapijiet tal-Pulizija; u proġett pilota sottomess mill-BE lil-Marokk fir-ritorn u l-integrazzjoni mill-ġdid tal-Malians, kif ukoll inizjattiva reġjonali sabiex tgħin lil Mali żżarma netwerks ta' kuntrabandu.</td></tr>
<tr><td colspan="2">Azzjonijiet u avvenimenti:</td></tr>
<tr><td>10-11 ta' Lulju, Rabat</td><td>Konferenza ministerjali Euro-Afrikana dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp, li l-għan tagħha kien sabiex tidentifika azzjoni operazzjonali matul ir-rotot migratorji ta' l-Afrika tal-Lvant.</td></tr>
<tr><td>7-10 ta' Novembru, Las Palmas</td><td>L-SP ospitat konferenza dwar il-pulizija fil-qafas tal-proġett Seahorse, li attendew għaliha l-Istati Membri, FRONTEX u EUROPOL.</td></tr>
<tr><td>Lulju</td><td>Ir-Renju Unit ippreżenta proposti għal Inizjattiva dwar ir-Rotot Migratorji ta' l-Afrika tal-Lvant lill-Grupp Għoli ta' Ħidma dwar il-Kenn Politiku u l-Migrazzjoni. Dan jinkludi valutazzjoni ta' l-attivitajiet f'dan ir-reġjun min-naħa ta' l-Istati Membri; analiżi tad-differenzi fil-pajjiżi rilevanti ta' tranżitu u l-ħtiġijiet; u l-iżviluppi fin-netwerk reġjonali ta' l-ILO ma' l-Italja.</td></tr>
<tr><td>Il-passi li jmiss:</td><td>o Se jiġi żviluppat pjan ta' azzjoni b'approċċ globali għal kull rotta, bl-użu ta' bosta sorsi li jinkludu r-rapporti ta' l-ILO</td></tr>
<tr><td colspan="2">10. Jisaħħaħ id-djalogu sar-Rebbiegħa 2006 ma' l-Istati ewlenin Afrikani 'l isfel mis-Sahara fuq il-bażi ta' l-Artikolu 13 tal-Ftehim ta' Cotonou, li jkopri firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet minn</td></tr>
</table>

| |
|---|
| istituzzjonijiet u bini tal-kapiċitajiet u l-integrazzjoni effettiva tal-migranti legali sabiex jirritornaw u l-implimentazzjoni effettiva ta' l-obligazzjonijiet dwar dħul mill-ġdid, sabiex tiġi stabbilita kooperazzjoni ta' benefiċċju reċiproka f'dan il qasam |
| Il-Kummissjoni pproponiet it-tnedija ta' djalogu bilaterali dwar il-migrazzjoni fuq il-bażi ta' l-artikolu 13 tal-Ftehim ta' Cotonou bejn l-UE u s-Senegal, Mali, Kamerun, Gana, Niġerja, Mawritanja u Niġer. Dan s'issa ipproċeda mall-Mawritanja, Senegal u Mali. Tliet pajjiżi oħra kellhom jitneħħew mill-lista minħabba ċirkustanżi politiċi varji. Seba' mill-Istati Membri pproponew li jiżdiedu l-Etjopja, is-Sudan, l-Eritrea u s-Somalja ma' din il-lista inizjali ta' pajjiżi. BE ipproponiet li tiżdied il-Ginea (Conakry) u r-Rwanda; u d-DE ipproponiet li tiżdied il-Burkina Faso.<br><br>Fl-istess ħin il-migrazzjoni qed tiġi integrata fid-Dokumenti Strateġiċi tal-Pajjiż għall-pajjiżi ta' l-ACP, bħala parti ta' l-eżerċizzju ta' programmazzjoni għall-għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp (EDF). Darba abbozzat mid-Delegazzjonijiet u l-pajjiżi ta' l-ACP, bil-parteċipazzjoni ta' l-Istati Membri, huma se jiġu adottati formalment mill-Kumitat-EDF. |
| **Azzjonijiet u avvenimenti:** |

| | |
|---|---|
| Jannar | Id-delegazzjonijiet tal-Kummissjoni f'pajjiżi magħżula ġew ikkuntattjati sabiex jesploraw il-possibilitajiet ta' djalogu taħt l-artikolu 13 ta' Cotonou. |
| April-Ġunju | Missjoni teknika Mawritanja fil-qafas tal-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida; Id-deċiżjoni finali dwar l-appoġġ finanzjarju kienet meħuda f'Ġunju għal total ta' 2.45 miljun euro. |
| 5-6 ta' Ġunju, Dakar | Saru kuntatti informali ma' bosta pajjiżi Afrikani fil-marġini tal-laqgħa f'Dakar li ppreparaw il-Konferenza Ministerjali f'Rabat dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp. |
| 23-25 ta' Mejju | Il-missjoni tal-Kummissjoni lejn il-Mawritanja u s-Senegal sabiex jinbeda l-artikolu 13 djalogu, sabiex tkun tista' titkompla fuq livell ta' Kap ta' Missjoni fil-kuntest ta' djalogu politiku regolari (artikolu 8 Cotonou). |
| 25-28 ta' Settembru | Missjoni tal-Kummissjoni lejn Mali fil-kuntest ta' l-artikolu 13. |
| Settembru-Novembru | Missjoni teknika lejn is-Senegal fil-qafas tal-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida; id-deċiżjoni finanzjarja se tittieħed dalwaqt. |
| 18-20 ta' Ottubru, Brussell | Taħriġ għad-delegazzjonijiet tal-KE dwar il-migrazzjoni fl-assistenza esterna tal-KE. |
| **Il-passi li jmiss:** | o Kapijiet ta' Missjoni fl-Etjopja, is-Sudan, l-Eritrea, is-Somalja għandhom iqisu l-fattibbiltà li jinbeda djalogu ma' dawn il-pajjiżi<br>o Id-Djalogu taħt l-Artikolu 13 għandu jinbeda ma' aktar pajjiżi ewlenin, b'rappurtaġġ regolari lill-Istati Membri, u għandu jitkompla attivament mal-pajjiżi rilevanti kollha |

| |
|---|
| 11. It-twaqqif u l-implimentazzjoni ta' Programm dwar il-Protezzjoni Reġjonali (RPP) pilota li jinvolvi |

| | |
|---|---|
| it-Tanżanija kmieni kemm jista' jkun fl-2006, b'grupp ta' ġestjoni sabiex jieħdu ħsieb il-programm. Ibbażat fuq riżultati mill-pilota, l-iżvilupp ta' pjanijiet għal aktar programmi fl-Afrika | |
| Wara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill fuq Programmi dwar il-Protezzjoni Reġjonali f'Novembru 2005, bosta proposti ġew sottomessi għal proġetti sabiex jinbdew l-RPPS pilota taħt is-sejħa għal proposti ta' l-AENEAS fl-2005. Waħda minn dawn ġiet sottomessa mill-UNHCR u ffukat speċifikament fuq it-Tanżanija u r-reġjun ta' madwarha. Il-proposta ġiet magħżula mill-Kumitat ta' Tmexxija tal-AENEAS, u hi mistennija li tibda fl-2007. Il-proġett se jinkludi t-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' l-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tar-refuġjati, it-titjib tas-sigurtà fil-kampijiet ta' refuġjati, il-promozzjoni ta' ritorn volontarju ta' refuġjati mill-Burundia, it-tisħiħ ta' l-aċċess ta' stabbilizzazzjoni mill-ġdid għar-refuġjati. | |
| **Azzjonijiet u avvenimenti:** | |
| 14 ta' Frar, Brussell | Laqgħa għall-esperti ma' l-Istati Membri msejħa mill-Kummissjoni. |
| Lulju | Ġiet aċċettata l-proposta għal proġett AENEAS dwar it-Tanżanija. |
| **Il-passi li jmiss:** | o Il-proġetti għandhom jibdew eżatt kif jiġu ffirmati l-kuntratti<br>o Jinbeda proġett organizzat mill-UNHCR għall-Afrika ta' Fuq<br>o L-iżvilupp ta' aktar proġetti orjentati lejn protezzjoni flimkien ma' l-UNHCR |
| 12. Isir studju sabiex jitjieb l-għarfien tal-kawżi prinċipali tal-migrazzjoni sabiex jinbena approċċ fit-tul | |
| Bħalissa ċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka qed jagħmel studju ta' każ li jiffoka fuq is-Senegal u l-Mali. Dan se janalizza il-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni f'dawn iż-żewġ pajjiżi u l-implikazzjonijiet tal–politika tagħhom. | |
| **Azzjonijiet u avvenimenti:** | |
| Lulju | It-tfassil beda u l-Istati Membri kienu msejħa sabiex jipprovdu informazzjoni dwar studji eżistenti dwar il-kważi tar-rotot. |
| **Il-passi li jmiss:** | o L-istudju hu mistenni f'Novembru 2006<br>o L-istudju għandu jiġi diskuss u użat bħala parti mill-approċċ fit-tul ta' l-UE |
| 13. L-iżvilupp ta' djalogu regolari mall-UNHCR kmieni kemm jista' jkun fl-2006, sabiex jiġu mibdula l-esperjenza u l-għarfien dwar il-ħidma ma' pajjiżi fl-Afrika | |
| Id-Djalogu ma' l-UNHCR dwar l-implimentazzjoni kompla permezz ta' laqgħat regolari. | |
| **Il-passi li jmiss:** | o Laqgħa ta' livell għoli se tkun organizzata bejn il-Kummissjoni u l-UNHCR fil-bidu ta' Jannar sabiex ikun operattiv il-Pjan ta' Azzjoni tal-UNHCR ta' l-10-Punti ppreżentat fil-konferenza f'Rabat; Se tiġi eżaminata l-possibilità li jseħħu laqgħat bħal dawn regolarment sabiex tiġi aġġornata s-sitwazzjoni f'pajjiżi differenti |
| 14. It-tnedija ta' inizjattivi fil-bidu ta' l-2006 sabiex jiġu promossi servizzi tat-trasferiment li jkunu rħas u aktar faċilment disponibbli, u l-appoġġ ta' l-isforzi li għaddejjin min-naħa ta' organizzazzjonijiet internazzjonali sabiex titjieb id-*data* dwar il-flussi ta' trasferimenti; Jiġu kkunsidrati l-isforsi ta' stati Afrikani sabiex jaffaċilitaw il-kontribuzzjoni tal-membri ta' dijaspora | |

| | |
|---|---|
| sabiex jikkontribwixxu lejn il-pajjiżi tagħhom, li tinkludi permezz ta' azzjoni komuni, u jiġu esplorati l-possibilitajiet sabiex jittaffa l-impatt ta' telf fil-ħiliet f'setturi vulnerabbli. | |
| Din l-aġenda wiesgħa kienet fiċ-ċentru ta' ħafna diskussjoni matul is-sena. Laqgħa ta' esperti organizzata mill-Kummissjoni f'Ġunju kienet opportunita' siewja sabiex jiġu maqsuma l-esperjenzi u l-aqwa prattika, filwaqt li diskussjoni produttiva seħħet fid-Djalogu ta' Livell Għoli tan-NU dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp f'New York u l-Konferenza Ministerjali dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp bejn l-Afrika u l-UE fil-Libja. | |
| **Azzjonijiet u avvenimenti:** | |
| 15-16 ta' Marzu, Brussell | Konferenza dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp organizzata mill-BE u l-IOM bl-appoġġ tal-Bank Dinji u l-Kummissjoni. |
| 20 ta' Ġunju, Brussell | Laqgħa ta' l-esperti ta' Stat Membru dwar is-suġġetti prinċipali koperti mill-Komunikazzjoni dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp imsejħa mill-Kummissjoni f'Settembru 2005. |
| 10-11 ta' Lulju, Rabat | Konferenza ministerjali Euro-Afrika dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp. |
| 14-15 ta' Settembru, New York | Djalogu ta' Livell Għoli tan-NU dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp. |
| 13-14 ta' Novembru, Londra | UK-Konferenza tal-Bank Dinji dwar it-Trasferimenti – ir-Renju Unit għamel disponibbli l-pubblikazzjoni dwar is-suq ta' trasferimenti fir-Renju Unit. |
| 22-23 ta' Novembru, Tripoli | Konferenza Ministerjali Euro-Afrika dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp. |
| **Il-passi li jmiss:** | o Jiġu stabbiliti gruppi ta' ħidma 'virtwali' fuq kull tema prinċipali fl-aġenda dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp, bl-involviment ta' l-Istati Membri, l-organizzazzjoniet internazzjonali, is-servizzi tal-Kummissjoni u esperti oħra fejn xieraq<br>o Proġetti ta' appoġġ dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp f'pajjiżi interessati fl-Afrika bħala parti mill-assistenza finanzjarja ta' l-UE, il-programm MEDA, Aeneas u programm tematiku tal-futur dwar il-migrazzjoni |
| 15. It-twaqqif ta' kampanji ta' informazzjoni li jimmiraw lejn migranti potenzjali sabiex jenfasizzaw ir-riskji assoċjati mal-migrazzjoni illegali u tqajjem kuxjenza dwar mezzi legali għall-migrazzjoni | |
| IOM għamlet kampanja ta' informazzjoni mas-Senegal matul is-Sajf.<br><br>Il-Portugall organizza wkoll kampanja ta' informazzjoni f'bulettini dwar l-imbark u l-iżbark mifruxa f'ajruporti ta' oriġini u destinazzjoni u aġenziji ta' l-ivjaġġar, b'informazzjoni li tikkonċerna r-rekwiżiti għal dħul legali fil-Portugall u tkabbar l-għarfien tar-riskji tal-migrazzjoni illegali u n-netwerks tat-traffikar ta' persuni. | |

## III. ĦIDMA MAL-PAJJIŻI ĠIRIEN

Għalkemm progress fil-qafas tal-EuroMed ma ġiex żviluppat malajr kif mixtieq, saru laqgħat għall-uffiċjali għolja importanti u produttivi f'Ġunju u Ottubru. Dawn il-motivazzjoni u l-ottimiżmu mġedda għal aktar kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni, li ngħata espressjoni konkreta permezz tal-preparazzjoni ta' dokument ta' ħidma li jiddeskrivi fid-detall proġetti u l-aqwa prattiċi ta' kull imsieħeb tal-EuroMed b'relazzjoni mall-migrazzjoni legali, il-migrazzjoni u l-iżvilupp u l-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali, u programm ta' azzjoni aktar dettaljat b'rakkomandazzjonijiet lejn kooperazzjoni fil-futur. Il-Portugall ukoll offra sabiex jospita laqgħa Ministerjali tal-EuroMed dwar il-migrazzjoni fl-2007.

Sadanittant, ħidma ma' pajjiżi individwali ta' l-Afrika ta' Fuq wasslet għall-progress tajjeb. Id-djalogu u l-kooperazzjoni mal-Marokk ġie intensifikat u l-UE iddeċidiet li tagħti appoġġ politiku u finanzjarju konsiderevoli lil Marokk (sa 90 miljun EUR) sabiex dan il-pajjiż jiġi assistit fl-isforzi tiegħu sabiex jamministra aħjar il-migrazzjoni. Pass kbir 'il quddiem kien meħud b'proġett ta' ġemellaġ dwar il-ġlieda konra l-immigrazzjoni illegali kif ukoll appoġġ għall-baġit sabiex jinxtara tagħmir għall-kontroll tal-fruntiera. Tkomplew in-negozjati dwar ftehim għal dħul mill-ġdid tal-KE, u huma mistennija li jibdew dalwaqt ma' l-Alġerija. Għaddej programm importanti ta' appoġġ (10 miljun EUR) lill-pulizija tal-fruntiera ta' l-Alġerija, approvat fl-2005. Diskussjonijiet mal-Libja dwar il-kwistjonijiet li jikkonċernaw il-migrazzjoni komplew ukoll u l-Libja stiednet grupp ta' esperti ta' l-UE sabiex jagħmlu missjoni fuq il-fruntieri tan-Nofsinhar. Kollox ma' kollox, il-kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-Mediterran hi mistennija li tiżvillupa sew fil-futur, fuq il-bażi ta' Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni u Pjanijiet ta’ Azzjoni tal-Viċinat.

| **PARTI III ĦIDMA MAL-PAJJIŻI ĠIRIEN** | |
|---|---|
| 16. Isseħħ laqgħa Ministerjali tal-EuroMed dwar il-migrazzjoni fl-2006 | |
| Fl-laqgħa pożittiva għall-uffiċjali għolja, ġie miftiehem sabiex tinġabar informazzjoni dwar proġetti u l-aqwa prattika fl-oqsma identifikati mis-Samit ta' Barċellona f'Novembru 2005. Il-migrazzjoni legali, il-migrazzjoni u l-iżvilupp u l-migrazzjoni illegali, it-traffikar u l-kwistjonijiet ta' ritorn. B'kontribuzzjonijiet mill-35 delegazzjonijiet kollha, il-Kummissjoni impenjat ruħha sabiex tipprepara dokument ta' tagħrif b'kull informazzjoni pprovduta, kif ukoll programm ta' azzjoni aktar ddettaljat li jkun fih rakkomandazzjonijiet għal kooperazzjoni fil-futur. | |
| **Azzjonijiet u avvenimenti:** | |
| 20 ta' Ġunju, Brussell | Laqgħa għall-uffiċjali għolja sabiex tiġi diskussa aktar il-kooperazzjoni u tiġi ppreparata laqgħa Ministerjali. |
| 20 ta' Ottubru, Brussell | It-tieni laqgħa għall-uffiċjali għolja, li ddiskutiet l-abboz tal-programm ta' azzjoni. |
| **Il-passi li jmiss:** | o Jitkompla l-iżvilupp ta' ideat għal proġetti konġunti konkreti<br>o Jitkomplew il-preparazzjonijiet għall-EUROMED Ministerjali, ippjanat li jseħħ matul il-Presidenza Potugiża fl-2007 |
| 17. Inqabbdu l-pajjizi terzi Mediterranju fl-istudju ta' possibilità ta' Netwerk ta' Għassa Kostali fil- | |

| | |
|---|---|
| Mediterran, sistema ta' sorveljanza fil-Mediterran u proġetti pilota relatati, fejn xieraq | |
| Ara azzjoni ta' prijorità 1.3. | |
| 18. Ikunu disponibbli esperjenzi u l-aqwa prattiċi fejn xieraq minn stutturi ta' kooperazzjoni reġjonali oħra, li jinkludu dawk relatati mal-Baħar Baltiku. | |
| 9 ta' Ġunju, Helsinki | Il-Finlandja ospitat żjara esperta ta' Stat Membru lill-Kwartieri f'Helsinki tal-Gwardji tal-Fruntieri sabiex tiġi valutata l-esperjenza Baltika ta' kif jittrattaw it-tmexxija tas-sigurtà tal-Fruntiera, li jinkludu mezzi tekniċi, il-qafas legali, il-kooperazzjoni reġjonali u l-attivitajiet operazzjonali |
| 19. L-użu ta' kull qafas disponibbli għal kooperazzjoni ma' l-imsieħba tal-Mediterran, li jinkludu dawk imsemmija hawn taħt, sabiex timpedixxi u tiġġieled il-migrazzjoni illegali u t-traffikar ta' persuni, il-bini ta' kapaċità għal tmexxija aħjar tal-migrazzjoni, l-esplorazzjoni ta' kif l-aħjar tiġi maqsuma l-informazzjoni dwar il-migrazzjoni legali u l-opportunitajiet tas-suq tax- xogħol, per eżempju permezz ta' l-iżvilupp ta' profili migratorji u permezz ta' tisħiħ fil-fora sub-reġjonali | |
| Il-possibilitajiet li jiġu implimentati l-azzjonijiet ta' prijorità fil-qafas tal-kooperazzjoni 5+5 ġew esplorati fil-grupp 5+5 taħt mill-President ta' Franza u imbagħad Spanja. Per eżempju, Franza, Spanja u l-Marokk qed jaħdmu f'proġett konġunt li jimmira li jippromowovi l-kapaċità istituzzjonali bejn dawn il-pajjiżi dwar il-migrazzjoni tax-xogħol, sabiex jiġu ikkollegati d-domanda tax-xogħol u l-offerta bejniethom. Il-proġett beda f'Diċembru 2005 u se jispiċċa f'Novembru 2008.<br><br>Sadanittant, il-kunċett tal-Profil ta' Migrazzjoni ġie żviluppat. L-IOM u kif ukoll il-JRC abbozzaw proposti inizjali ta' kif l-għodda jistgħu jaħdmu. L-idea ġiet ippreżentata formalment fid-Djalogu ta' Livell Għoli tan-NU f'New York fl-14-15 ta' Settembru. Il-finanzjament ġie allokat fis-seħja għal proposti ta' AENEAS 2006 sabiex jiżviluppaw aktar il-Profili ta' Migrazzjoni għal pajjiżi ewlenin. | |
| **Azzjonijiet u avvenimenti:** | |
| 12 ta' Mejju, Nizza | Ministri għall-affarijiet Interni 5+5 – il-Kummissjoni ġiet mistiedna sabiex tieħu sehem fit-tnedija. |
| 29-30 ta' Ġunju, Pariġi | Laqgħa ta' segwitu għall-konferenza ministerjali dwar il-migrazzjoni li saret f'Pariġi f'Novembru 2005, b'diskussjoni li inkludiet il-migrazzjoni u l-iżvilupp, il-migrazzjoni tax-xogħol u l-ilqugħ u l-integrazzjoni tal-migranti. |
| **Il-passi li jmiss:** | o Ikomplu jiġu wżati fora relevanti sabiex tkompli l-ħidma fuq l-Approċċ Globali<br>o Ikompli jiġi żviluppat il-kunċett tal-Profil Migratorju, b'mod partikolari bl-użu tal-finanzjament ta' AENEAS |
| 20. Jitwettaq xogħol ta' prijorità mat-tliet pajjiżi li ġejjin: | |
| 20.1 Marokk – jiġu implimentati proġetti fil-ġlieda kontra it-traffikar u jiġu konklużi malajr kemm jista' jkun n-negozjati tal-ftehim ta' dħul mill-ġdid bejn il-KE u l-Marokk | |
| L-implimentazzjoni ta' proġetti varji permezz tal-finanzjament MEDA u AENEAS ġew promossi, u komplew n-negozjati dwar il-ftehim ta' Dħul mill-ġdid tal-KE. Il-Marokk ospitat ukoll il-konferenza ministerjali Euro-Afrika dwar il-migrazzjoni u l-iżvillup, li saret f'Rabat f'Lulju. | |

<table>
<tr><td colspan="2">Azzjonijiet u avvenimenti:</td></tr>
<tr><td>It-18 ta' Mejju</td><td>Sottokumitat UE-Marokk dwar JHA.</td></tr>
<tr><td>10-11 ta' Lulju, Rabat</td><td>Konferenza ministerjali Euro-Afrika dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp.</td></tr>
<tr><td>22 ta' Novembru Rabat</td><td>Laqgħa tas-sottokumitat UE-Marokk dwar il-migrazzjoni u l-affarijiet soċjali u d-diskussjonijiet dwar dħul mill-ġdid.</td></tr>
<tr><td>Novembru, Rabat</td><td>Grupp ta' Ħidma UE-Marokk dwar il-migrazzjoni l-affarijiet soċjali.</td></tr>
<tr><td>Il-passi li jmiss:</td><td>o It-tkomplija tan-negozjati dwar il-Ftehim ta' riammissjoni tal-KE<br>o L-implimentazzjoni effettiva ta' proġetti ta' kooperazzjoni u djalogu kontinwu dwar kwistjonijiet relatati mal-migrazzjoni</td></tr>
<tr><td colspan="2">20.2 l-Alġerija – tagħmel l-ewwel laqgħa fil-bidu ta' l-2006 sabiex tieħu 'il quddiem il-kooperazzjoni fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet dwar il-migrazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-KE u l-Alġerija u jinbeda in-negozjar tal-ftehim ta' riammissjoni malajr kemm jista' jkun fuq il-bażi tal-mandat mogħti lill-Kummissjoni.</td></tr>
<tr><td colspan="2">L-Alġerija ospitat laqgħa għall-esperti ta' l-AU dwar il-migrazzjoni l-iżvilupp f'April. In-Negozjati dwar il-ftehim ta' dħul mill-ġdid tal-KE huma mistennija li jibdew fil-bidu ta' l-2007.</td></tr>
<tr><td colspan="2">Azzjonijiet u avvenimenti:</td></tr>
<tr><td>It-16 ta' Mejju</td><td>L-ewwel laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Alġerija.</td></tr>
<tr><td>Il-passi li jmiss:</td><td>o L-ewwel laqgħa tas-sottokumitat UE-Alġerija dwar il-migrazzjoni u l-affarijiet soċjali, 5-6 ta' Diċembru, Alġier<br>o Il-bidu ta' negozjati effettivi dwar ftehim ta' dħul mill-ġdid UE-Alġerija<br>o Djalogu effettiv dwar kwistjonijiet relatati mal-migrazzjoni</td></tr>
<tr><td colspan="2">20.3 Libja – jiġu konkluż malajr kemm jista' jkun fl-2006 ix-xogħol sabiex jiġi miftiehem il-Pjan ta' Azzjoni UE-Libja dwar il-migrazzjoni, skond il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' 3 ta' Ġunju 2005 dwar il-bidu ta' djalogu u kooperazzjoni mall-Libja u kwistjoni ta' migrazzjoni, u l-implimentazzjoni ta' proġetti, malajr kemm jista' jkun minn hemm 'il quddiem</td></tr>
<tr><td colspan="2">Il-Kummissjoni qed tagħmel l-aħjar sabiex taħdem b'mod bilaterali mal-Libja meta tindirizza l-kwistjoni tal-migrazzjoni illegali, u kien hemm bosta missjoni sabiex tiġi diskussa l-kooperazzjoni. Il-Libja ospitat il-Konferenza Ministerjali Euro-Afrika dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp f'Novembru. Tkompla il-Programm ta' l-IOM iffinanzjat mill-AENEAS għat-Tisħiħ tat-Tmexxija ta' Migrazzjoni ta' Tranżitu u irregolari fil-Libja (TRIM).</td></tr>
<tr><td colspan="2">Azzjonijiet u avvenimenti:</td></tr>
<tr><td>Frar</td><td>Il-Kummissjoni żaret Tripli u ppreżentat proposti għal kooperazzjoni konkreta u djalogu dwar kwistjonijiet tal-migrazzjoni lin-naħa Libjana</td></tr>
<tr><td>21-22 ta' Mejju</td><td>Il-Kummissjoni żaret Tripli. Il-Libja kkonfermat l-interess fl-iżvilupp ta' djalogu u kooperazzjoni ma' l-UE, għalkemm mhux fil-qafas tal-proċess ta' Barċellona.</td></tr>
<tr><td>Mejju</td><td>Rispons mil-Libja, fejn ġiet espressa r-rieda sabiex tospita l-konferenza</td></tr>
</table>

| | |
|---|---|
| | ta' l-AU-UE u stiednet missjoni esperta fil-fruntiera tan-Nofsinhar |
| 4-6 ta' Lulju | Il-Kummissjoni żaret il-Libja sabiex tiddiskuti kooperazzjoni msaħħa f'bosta oqsma li jinkludu l-migrazzjoni |
| **Il-passi li jmiss:** | o Bħala prijorità tiġi organizzata missjoni ta' esperti għal fruntieri tan-Nofsinhar tal-Libja.<br>o Jiġu esplorati l-possibilitajiet għall-iżvilupp ta' analiżi ta' riskju konġunt bejn l-UE-Libja<br>o Tiġi eżaminata l-possibilità tat-twaqqif ta' kuntatti diretti bejn il-FRONTEX u l-Libja sabiex jiġu esplorati oqsma għal kooperazzjoni konġunta, per eżempju jsir analiżi ta' riskju konġunt u sorveljanza konġunta |
| 21. Tiġi intensifikata r-riċerka sabiex jitjieb l-għarfien u t-tmexxija tal-flussi migratorji, il-bini fuq il-programm reġjonali JHA I MEDA dwar il-komponent migratorju | |
| Attivitajiet mnedija mill-Consortium for Applied Research on International Migration in the Mediterranean region (CARIM), ospitat mill-Istitut Universitarju Ewropew ta' Firenze, fl-Italja, tkomplew matul is-sena. | |
| **Azzjonijiet u avvenimenti:** | |
| Mejju | Websjat ġdida ffinanzjata mill-AENEAS 2004,*Migration de retour vers le Maghreb* (MIREM), infetħet f' **http://www.mirem.eu**. Hi ospitata mill-Istitut Universitarju Ewropew bħala parti minn CARIM. Il-proġett MIREM jimmira sabiex jeżamina l-isfidi kurrenti li għandhom x'jaqsmu ma' migrazzjoni ta' ritorn u l-impatt tagħha fuq l-iżvilupp f'pajjiżi tal-Maghreb. Il-websajt tinkludi data u informazzjoni dwar il-premessi u l-implikazzjoni tal-politika komuni ta' l-UEdwar ir-ritorn; Mudell ta' kooperazzjoni dwar id-dħul mill-ġdid u l-isfidi tagħhom; u l-ftehimiet bilaterali li għandhom x'jaqsmu mad-dħul mill-ġdid li jinvolvi il-pajjiżi tal-Maghreb u l-Istati Membri ta' l-UE. Hemm ukoll inventarju annotat tad-data statistika dwar il-migrazzjoni ta' ritorn lejn il-pajjiżi tal-Maghreb, li jinkludu bosta tipoloġiji ta' nies li jiġu lura lejn pajjiżhom, u studji relatati mall-mekkaniżmi ta' ritorn li ġew implimentati fil-Maghreb. |
| 20 ta' Ġunju, Brussell | Il-proposti tal-Kummissjoni għal JHA MEDA II ġew ippreżentati lill-imsieħbsa tal-EuroMed fil-laqgħa għall-uffiċjali għolja dwar il-migrazzjoni. |
| **Il-passi li jmiss:** | o CARIM se jkompli riċerka dwar il-migrazzjoni fir-reġjun tal-Maghreb<br>o Ispirata mis-suċċess tan-netwerk akkademika (CARIM) li jgħaqqad l-istituti ta' riċerka dwar il-migrazzjoni tal-pajjiżi kollha tal-Mediterran u ffinanzjati mill-programm MEDA, l-UE għandha tiffaċilita konferenza akkademika bil-ħsieb ta' twaqqif ta' netwerk pan-Afrikan ta' 'osservatorji' tal-migrazzjoni u/jew istituti ta' riċerka dwar il-migrazzjoni |
| 22. Għajnuna sabiex tissaħħaħ ir-rabta bejn il-pajjiżi ta' l-Afrika ta' Fuq u dawk 'l isfel mis-Saħara fil-qafas ta' l-inizjattiva tar-rotot migratorji possibbli | |
| Ara azzjoni ta' prijorità 9. | |

| |
|---|
| |
| 23. Ikompli d-djalogu u l-kooperazzjoni mall-UNHCR fl-għajnuna lill-pajjiżi terzi sabiex jiżviluppaw il-kapaċità għall-protezzjoni tar-refuġjati |
| Il-Kummissjoni ffinanzjat proġett tal-UNHCR immirat għal bini ta' kapaċita għal kenn politiku fl-Afrika ta' Fuq. Ir-riżultat tal-proġett għadu kif ġie mgħoddi lill-Kummissjoni.<br><br>Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità u l-bini fuq din l-ewwel esperjenza, il-Kummissjoni bi ħsieba li tiffinanzja taħt AENEAS 2006 proġett ieħor tal-UNHCR għall-azzjonijiet ta' protezzjoni fil-pajjiżi kollha tal-Mediterran tan-Nofsinhar u tal-Lvant, mill-Marokk sas-Sirja. |
| 24. Issir konferenza dwar *Ir-rwol tas-sigurtà interna fi-relazzjonijiet bejn l-UE u l-ġirien tagħha* fi Vjenna f'Mejju 2006. |
| Wara l-adozzjoni tal-Kunsill ta' l-Istrateġija għad-Dimensjoni Esterna tal-Qasam tal-Libertà, Sigurtà u Ġustizzja f'Diċembru 2006, il-Konferenza Ministerjali ta' Vjenna seħħet fl-4-5 ta' Mejju. Id-'Dikjarazzjoni ta' Vjenna dwar is-sħubija ta' sigurtà' ġiet adottata, u imbagħad milqugħa mill-Kunsill Ewropew f'15-16 ta' Ġunju. |
| **Azzjonijiet u avvenimenti:** |

| | |
|---|---|
| 4-5 ta' Mejju, Vjenna | Il-Konferenza seħħet. |
| **Il-passi li jmiss:** | o Il-Kummissjoni se tkompli tgħasses il-progress ta' l-Istrateġija u se tirraporta lill-Kunsill kull tmintax –il xahar. |

**Anness C**
**FINANZJAMENT**

Fil-kuntest tal-Konklużjonijiet ta' Diċembru 2005 dwar azzjonijiet ta' prijorita' li jiffukaw fuq l-Afrika u l-Mediterran, il-Kunsill Ewropew laqa' il-prijorità miżjuda li qed tingħata lill-migrazzjoni u l-intenzjoni tal-Kummissjoni sabiex tintensifika l-assistenza finanzjarja fl-oqsma ikkonċernati jew relatati mall-migrazzjoni fir-rispett tar-relazzjoni tagħha ma' pajjiżi terzi, li tinkludi b'allokazzjoni sa 3% ta' l-ENPI, sforzi kumparabbli fir-rispett ta' strumenti finanzjarji relevanti oħra. Talbet ukoll għal sforzi ekwivalenti b'mod partikolari fl-Afrika 'l Isfel mis-Saħara, bil-ħsieb li jiġu ttrattati il-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni.

Kif intqal f'sezzjoni 4.1 ta' din il-Kommunikazzjoni, il-finanzjament se jkunu mgħoddija minn programmi ġeografiċi stabbiliti taħt l-istrumenti ta' assistenza esterni rilevanti u l-Programm Tematiku dwar il-migrazzjoni u l-kenn politiku.

Fir-rigward il-pajjiżi tal-Viċinat Ewropew, it-3% ta' l-impenn jirrappreżenta ammont ta' madwar 50 miljun EUR fis-sena, liema 30 miljum EUR se jinġabru mill-kontribuzzjoni ta' l-ENPU għall-programm Tematiku dwar il-migrazzjoni u l-kenn politiku. Il-parti li jkun fadal se tkun iffinanzjata taħt il-programmi nazzjonali, reġjonali u transkonfinali ġeografiċi stabbiliti fi ħdan l-ENPI.

Barra minn l-inizjattivi dwar il-migrazzjoni u l-kenn politiku iffinanzjat taħt il-programmi ġeografiċi tad-DCI, id-DCI se tikkontribwixxi għal madwar 25 miljun EUR fis-sena għal programm Tematiku dwar il-migrazzjoni u l-kenn politiku, għal finanzjament ta' proġetti f'pajjizi li qed jiżviluppaw u jinsabu 'il barra mill-Viċinat Ewropew.

Fir-rigward tal-pajjiżi ta' l-ACP, u fi ħdan il-qafas tad-disa' EDF, total ta' 40 miljun EUR ġew mwarba għal Programm ta' l-UE dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp fl-Afrika, li jinkludi il-faċilità għal migrazzjoni intra-ACP ta' 25 miljun EUR, li d-destinazzjoni speċifika hi f'fażi ta' identifikazzjoni. Dwar l-għaxar EDF, li tkopri l-perijodu 2008-13, il-migrazzjoni qed tiġi nkorporata fis-sħiħ fil-programmar tad-Dokumenti ta' Strateġija tal-Pajjiż u Reġjonali. Permezz ta' l-Inizzjattiva ta'-Governanza ta' l-UE u 'tranche ta' inċentiva', il-pajjiżi ta' l-ACP se jkunu kapaċi li jiksbu appoġġ addizzjonali sostanzjali finanzjarju sabiex jiżviluppaw u jimplimentaw riformi ta' governanza. L-aċċess għal dawn l-għaxar riżorsi ta' inċentiva ta' l-EDF se jiddependi mir-riżultat ta' djalogu bejn il-Kummissjoni l-pajjiż msieħeb fuq it-twettiq fil-passat u l-impenji fututi fil-qasam ta' governanza, li jinkludi il-migrazzjoni.

Fl-aħħar nett, ma għandux jitqies li aktar mill-programmi ġeografiċi u l-programmi tematiċi dwar il-kenn politiku u l-migrazzjoni, programmi tematiċi oħra / strumenti bħall-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet Umani (EIDHR), il-programm Tematiku għal kooperazzjoni ma' atturi li mhumiex stati u awtoritajiet lokali jew programmi Tematiċi "ninvestu fil-poplu" jistgħu wkoll f'ċerti okkażjonijiet jipprovdu fondi fuq kwistjonijiet speċifiċi u rilevanti dwar il-migrazzjoni bħat-traffikar ta' persuni jew dwar aspetti tal-migrazzjoni u żvilupp ta' dibattitu.